MT 2023

16

Rapport Speċjali

# Il-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU fi ħdan il-Kummissjoni

## Bidu inkoraġġanti, iżda jinħtieġ aktar allinjament mal-aħjar prattika

QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

# Werrej


| | Paragrafu |
|---|---|
| **Sommarju eżekuttiv** | **I - VIII** |
| **Introduzzjoni** | **01 - 15** |
| Sfond tal-programm ta' finanzjament NextGenerationEU | 01 - 07 |
| Rwoli u r-responsabbiltajiet ewlenin fil-finanzjament tal-NGEU | 08 - 11 |
| Tranżazzjonijiet ta' teħid b'self sa tmiem Ġunju 2022 | 12 - 15 |
| **Ambitu u approċċ tal-awditjar** | **16 - 20** |
| **Osservazzjonijiet** | **21 - 88** |
| L-istrutturi u l-kompetenzi l-ġodda ppermettew li l-finanzjament tal-NGEU jibda malajr, iżda jeħtieġ li jiġu msaħħa | 21 - 44 |
| Il-kapaċitajiet ta' ġestjoni tad-dejn tal-Kummissjoni, li ġew stabbiliti rapidament, jeħtieġu aġġustament biex jikkonformaw mal-aħjar prattika | 22 - 36 |
| Il-Kummissjoni użat kriterji sodi biex tagħżel il-fornituri esterni ewlenin tas-servizzi | 37 - 44 |
| Il-Kummissjoni ssellfet il-fondi fil-ħin, f'konformità mal-limiti regolatorji u b'kostijiet li jikkorrispondu għall-pożizzjoni tas-suq tagħha | 45 - 72 |
| Il-Kummissjoni kkomunikat sew il-ħtiġijiet tagħha ta' teħid b'self, u kkonformat mar-rekwiżiti regolatorji ewlenin għad-dejn tal-NGEU | 46 - 58 |
| Il-kostijiet tat-teħid b'self jirriflettu l-kundizzjonijiet tas-suq u l-objettiv li jiġi pprovdut finanzjament suffiċjenti fil-ħin | 59 - 72 |
| Il-kejl u r-rappurtar tal-Kummissjoni fir-rigward tal-prestazzjoni tal-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU kienu limitati | 73 - 88 |
| L-objettivi għall-ġestjoni tad-dejn mhumiex stabbiliti b'mod ċar, u dan jillimita r-rappurtar dwar il-prestazzjoni | 74 - 85 |
| L-analiżijiet tal-Kummissjoni li fuqhom huma bbażati d-deċiżjonijiet dwar l-ipprezzar u l-maturità tal-bonds ma ġewx iddokumentati b'mod konsistenti | 86 - 88 |

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet 89 - 97

Annessi

Anness I – Rwoli u responsabbiltajiet ewlenin rigward il-ġestjoni tad-dejn fi ħdan il-Kummissjoni

Anness II – Tipi ta’ riskju fil-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU

Anness III – Tranżazzjonijiet ta’ teħid b’self taħt l-NGEU li ntgħażlu għall-analiżi

Anness IV – Rapporti tal-Kummissjoni dwar l-obbligazzjonijiet tal-UE li rriżultaw mit-tranżazzjonijiet ta’ teħid b’self sat-30 ta’ Ġunju 2022

Abbrevjazzjonijiet

Glossarju

Risposti tal-Kummissjoni

Kronoloġija

Tim tal-awditjar

# Sommarju eżekuttiv

**I** F'Ġunju 2021, il-Kummissjoni nediet l-akbar programm ta' self fl-istorja tal-UE. In-NextGenerationEU, li huwa ffinanzjat kompletament bid-dejn, se jiġġenera sa EUR 806.9 biljun sal-2026 permezz tal-ħruġ ta' bonds tal-UE. L-introduzzjoni tan-NextGenerationEU kienet tirrikjedi li l-Kummissjoni tiżviluppa b'mod urġenti strateġija ġdida ta' ġestjoni tad-dejn, kif ukoll proċeduri, struttura organizzazzjonali u qafas ta' ġestjoni tar-riskju. Kienet tirrikjedi wkoll li hija tingaġġa għadd ta' fornituri esterni tas-servizzi. Il-Kummissjoni ssejjaħ l-approċċ il-ġdid tagħha għall-ġestjoni tad-dejn "strateġija ta' finanzjament diversifikata".

**II** Minn Diċembru 2022, l-istrateġija ta' finanzjament diversifikata saret l-approċċ prestabbilit tal-UE għall-ġestjoni tad-dejn. B'dan ir-rapport, għandna l-għan li nikkontribwixxu għall-ġestjoni finanzjarja tajba tal-operazzjonijiet ta' ġestjoni tad-dejn. Biex nagħmlu dan, ivvalutajna jekk il-Kummissjoni kinitx żviluppat sistemi effettivi għall-ġestjoni tad-dejn iġġenerat għall-finanzjament tan-NextGenerationEU.

**III** Nikkonkludu li l-Kummissjoni malajr żviluppat sistema tal-ġestjoni tad-dejn li ppermettiet li l-fondi meħtieġa għan-NextGenerationEU jiġu mislufa b'mod f'waqtu. F'dan il-kuntest, inqisu li fl-ewwel sena tal-operat, il-kostijiet tat-teħid b'self kienu jirriflettu l-pożizzjoni tas-suq tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ssodisfat ukoll ir-rekwiżiti regolatorji ewlenin kollha rigward il-portafoll tad-dejn u l-ġestjoni tar-riskju. Madankollu, sibna li xi wħud mill-arranġamenti tal-Kummissjoni għall-ġestjoni tad-dejn jeħtieġu aġġustament biex jikkonformaw mal-aħjar prattika. Sibna wkoll li l-Kummissjoni ma kinitx stabbiliet b'mod ċar l-objettivi għall-ġestjoni tad-dejn. Konsegwentement, il-kejl u r-rappurtar dwar il-prestazzjoni tal-ġestjoni tad-dejn tan-NextGenerationEU kienu limitati.

**IV** Minkejja ċirkustanzi diffiċli, il-Kummissjoni stabbiliet tim ewlieni b'ħiliet u b'esperjenza. Iżda huwa jiddependi ħafna fuq il-persunal temporanju biex jimmaniġġja l-operazzjonijiet tiegħu tad-dejn. Dan jista' jqiegħed il-kontinwità tal-operat f'riskju. Il-Kummissjoni stabbiliet il-qafas ta' ġestjoni tar-riskju meħtieġ għall-attivitajiet ta' ġestjoni tad-dejn tan-NextGenerationEU. Dan jinkludi l-funzjoni maħluqa reċentement ta' Uffiċjal Kap tar-Riskji għall-programmi kollha ta' self. Madankollu, l-Uffiċjal Kap tar-Riskji huwa appoġġat minn ftit membri tal-persunal, u għandu responsabbiltajiet operazzjonali addizzjonali minbarra l-ġestjoni tar-riskju.

**V** Sibna li l-portafoll tad-dejn tan-NextGenerationEU kien jissodisfa r-rekwiżiti regolatorji dwar il-limiti massimi tat-teħid b'self, il-munita tat-tranżazzjonijiet ta' teħid b's-self u l-maturità medja massima. Il-Kummissjoni kkomunikat tajjeb mas-swieq kapitali u mal-Istati Membri tal-UE dwar il-pjanijiet tagħha tat-teħid b'self, u mmaniġġjat il-likwidità tal-kont bankarju tan-NextGenerationEU b'mod effiċjenti. L-iżvilupp tar-rendimenti tas-suq tal-bonds tan-NextGenerationEU kien komparabbli mar-rendimenti tas-suq tal-bonds tal-Istati Membri bi klassifikazzjonijiet tal-kreditu simili.

**VI** Sibna li la l-leġiżlazzjoni rilevanti u lanqas l-istrateġija ta' finanzjament tal-Kummissjoni ma pprovdew rekwiżit ċar għall-Kummissjoni biex tirrapporta dwar il-prestazzjoni tal-attivitajiet tagħha ta' ġestjoni tad-dejn. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni hija responsabbli prinċipalment għall-provvediment ta' ammont suffiċjenti ta' fondi fi żmien xieraq għall-finanzjament tan-NextGenerationEU. L-obbligu ta' rendikont għal objettivi oħra tal-ġestjoni tad-dejn tan-NextGenerationEU għadu mhuwiex ċar. Il-Kummissjoni ma ddokumentatx b'mod konsistenti l-bażi li fuqha ntlaħqu d-deċiżjonijiet dwar l-ipprezzar u l-maturità ta' bonds sindakati.

**VII** Kull sena, il-Kummissjoni tirrapporta dwar kif il-miżuri ffinanzjati mill-bonds ekoloġiċi tan-NextGenerationEU jallinjaw mal-attivitajiet ekonomiċi stabbiliti fis-sistema ta' klassifikazzjoni tas-sostenibbiltà tal-UE, jiġifieri t-Tassonomija tal-UE. Madankollu, il-Kummissjoni ma tirrappurtax dwar il-proporzjon tar-rikavati mill-bonds ekoloġiċi tan-NextGenerationEU li fil-fatt intefqu f'konformità mat-Tassonomija tal-UE.

**VIII** Nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

- tistabbilixxi funzjoni separata ta' middle office biex ittejjeb il-kapaċitajiet analitiċi, ta' evalwazzjoni tar-riskju, u ta' rappurtar tagħha;
- issaħħaħ ir-rwol tal-Uffiċjal Kap tar-Riskji biex tiżgura li l-uffiċjal ikun jista' jwettaq il-mandat tiegħu b'mod effettiv u effiċjenti;
- timplimenta strateġija tal-forza tax-xogħol għall-persunal li jittratta l-ġestjoni tad-dejn;
- tifformula objettivi ċari għall-ġestjoni tad-dejn u tirrapporta dwar il-prestazzjoni fl-implimentazzjoni tagħhom;
- tiddokumenta l-bażi għad-deċiżjonijiet dwar l-ipprezzar b'mod konsistenti meta l-bonds tal-UE jkunu sindakati.

# Introduzzjoni

## Sfond tal-programm ta' finanzjament NextGenerationEU

**01** F'Diċembru 2020, il-Kunsill ta s-setgħa[1] lill-Kummissjoni biex tissellef fondi fuq is-swieq kapitali f'isem l-UE, sa EUR 806.9 biljun fi prezzijiet kurrenti, għall-programm NextGenerationEU (NGEU). Il-programm għandu l-għan li jindirizza l-kriżi ekonomika u soċjali kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19. Il-fondi tal-NGEU jiġu flimkien mal-baġit fuq terminu twil tal-UE ta' EUR 1 211-il biljun għall-perjodu 2021-2027. Ara l-*Figura 1*.

### Figura 1 – Il-baġit tal-UE għall-perjodu 2021-2027 u l-NGEU




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

**02** Il-programm tal-NGEU jiffinanzja l-irkupru ta' wara l-pandemija, kif ukoll it-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tal-ekonomija Ewropea, permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) li tirrappreżenta 90 % tal-baġit totali tiegħu. Il-Kummissjoni se tuża l-fondi mislufa għal selfiet lill-Istati Membri u, għall-ewwel darba fl-istorja tal-UE, għal għotjiet (ara l-*Figura 2*). L-ammont reali misluf mill-Kummissjoni għall-NGEU se jiddependi prinċipalment fuq l-implimentazzjoni tal-RRF mill-Istati Membri.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea.

## Figura 2 – Distribuzzjoni tal-NGEU




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

**03** Matul perjodu ta' 40 sena, il-Kummissjoni mexxiet diversi programmi ta' għoti b'self billi applikat "finanzjament back-to-back", sistema fejn kull tranżazzjoni unika ta' teħid b'self hija marbuta ma' żborż uniku. Skont din is-sistema, il-pajjiżi benefiċjarji rċevew finanzjament ripagabbli bl-istess kost u bl-istess data ta' skadenza tal-ħlas lura (maturità) bħall-bonds iddedikati tal-UE maħruġa mill-Kummissjoni. It-*Tabella 1* turi l-ammonti mislufa mill-Kummissjoni bl-użu ta' dan l-approċċ.

### Tabella 1 – Teħid b'self back-to-back mill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2022

| Programmi ta' self | Dejn massimu permess skont il-programm | Ammonti pendenti tad-dejn tal-UE fit-30.6.2022 |
|---|---|---|
| Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE) | EUR 100 biljun | EUR 91.8 biljun |
| Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM) | EUR 60 biljun | EUR 46.3 biljun |
| Faċilità tal-Bilanċ tal-Pagamenti (Faċilità ta' Għajnuna għall-BoP) | EUR 50 biljun | EUR 0.2 biljun |
| Assistenza Makrofinanzjarja (AMF) | Skont il-limiti tal-baġit tal-UE | EUR 8.9 biljun |
| Euratom | EUR 4 biljun | EUR 0.3 biljun |
| **Total** | | **EUR 147.5 biljun** |

*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq *data* tal-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew.

**04** Sabiex tissodisfa ħtiġijiet ta' finanzjament ħafna akbar u inqas prevedibbli taħt l-NGEU, f'April 2021, il-Kummissjoni adottat strateġija ta' finanzjament ġdida għall-finanzjament tan-NextGenerationEU (l-"istrateġija ta' finanzjament tal-NGEU"), li hija differenti minn finanzjament back-to-back. L-istrateġija ta' finanzjament tal-NGEU tintroduċi approċċ ġdid, l-"istrateġija ta' finanzjament diversifikata", li jissepara t-twaqqit, il-volum u l-maturità tat-tranżazzjonijiet ta' teħid b'self mit-twaqqit tal-iżborżi ta' dawn il-fondi. It-*Tabella 2* turi tqabbil bejn iż-żewġ approċċi.

## Tabella 2 – Differenzi fl-approċċi ta' finanzjament użati mill-Kummissjoni

| Kriterju | Finanzjament back-to-back | Finanzjament diversifikat |
|---|---|---|
| ***Strumenti ta' finanzjament*** | Prinċipalment bonds tal-UE fuq terminu twil | Kemm il-bonds fuq terminu twil tal-UE kif ukoll il-kambjali fuq terminu qasir tal-UE |
| ***Metodu ta' finanzjament*** | Sindakazzjonijiet tal-bonds u pjazzamenti privati | Taħlita ta' sindakazzjonijiet tal-bonds, irkantijiet u pjazzamenti privati |
| ***Twaqqit tal-ħruġ*** | Iddeterminat kompletament mill-ħtiġijiet tal-benefiċjarju | Flessibbli u mhux determinat mill-ħtiġijiet tal-benefiċjarju |
| ***Żborżi lill-benefiċjarji*** | L-iżborż huwa marbut ma' tranżazzjoni unika ta' teħid b'self | Iż-żmien u l-ammont tal-iżborż mhumiex marbuta ma' tranżazzjoni unika ta' teħid b'self |
| ***Ġestjoni tar-rikavati*** | Ir-rikavati jiġu ttrasferiti direttament lill-benefiċjarji | Ir-rikavati jinġabru flimkien u jinżammu f'kont bankarju ċentralizzat sakemm isir l-iżborż |
| ***Kalkolu tal-kostijiet tat-teħid b'self*** | L-istess bħall-kostijiet tat-teħid b'self tal-bonds iddedikati tal-UE maħruġa | Abbażi tal-kostijiet tat-tranżazzjonijiet kollha ta' teħid b'self f'perjodu ta' żmien ta' 6 xhur |
| ***Garanzija għat-teħid b'self*** | Il-baġit tal-UE u l-Fond ta' Proviżjonament Komuni | Il-baġit tal-UE u l-impenn tal-Istati Membri li jipprovdu fondi addizzjonali sa 0.6 % tal-introjtu nazzjonali gross (ING) tagħhom, jekk ikun meħtieġ |

*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

**05** F'Diċembru 2022, l-awtoritajiet leġiżlattivi adottaw il-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi emendat ir-Regolament Finanzjarju[2] sabiex l-istrateġija ta' finanzjament diversifikata, żviluppata għall-NGEU, issir il-metodu prestabbilit ta' teħid b'self għall-UE. Fl-Opinjoni tagħna dwar din il-proposta[3], ikkonkludejna li l-bidla proposta minn finanzjament back-to-back lejn l-istrateġija ta' finanzjament diversifikata kellha benefiċċji, iżda li kienet tinvolvi wkoll trasferiment potenzjali ta' riskji għall-baġits futuri tal-UE.

---

[2] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2022/2434 fir-rigward tal-istabbiliment ta' strateġija ta' finanzjament diversifikata bħala metodu ġenerali ta' teħid b'self.

[3] L-Opinjoni 07/2022 dwar il-proposta fir-rigward tal-istabbiliment ta' strateġija ta' finanzjament diversifikata bħala metodu ta' teħid b'self ġenerali.

**06** F'Ġunju 2021, il-Kummissjoni ħarġet l-ewwel titoli ta' dejn tal-NGEU. Sa tmiem l-2021, l-UE kienet saret waħda mill-akbar emittenti ta' dejn fl-Ewropa. Ara l-*Figura 3* għad-dettalji.

### Figura 3 – Emittenti kbar ta' dejn fl-UE fl-2019, fl-2020 u fl-2021




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

**07** Id-dejn tal-NGEU huwa ggarantit mill-"marġni ta' manuvra" tal-baġit tal-UE, li huwa d-differenza bejn il-limitu massimu tar-riżorsi proprji tal-UE[4] u r-riżorsi proprji meħtieġa biex jiġi ffinanzjat il-baġit tal-UE. Bir-ratifika tad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar ir-riżorsi proprji, fl-2021 l-Istati Membri qablu li jagħmlu disponibbli riżorsi addizzjonali ta' flus kontanti permezz tal-limitu massimu tar-riżorsi proprji miżjud, sa 0.6 % tal-ING tagħhom, sa tmiem l-2058. Il-Kummissjoni tista' tuża dawn ir-riżorsi jekk il-baġit tal-UE ma jkunx suffiċjenti biex ikopri l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw mid-dejn tal-NGEU. It-tranżazzjonijiet ta' teħid b'self jaqgħu taħt l-ambitu tal-implimentazzjoni baġitarja skont it-tifsira tar-Regolament Finanzjarju. Dan jirrikjedi wkoll li l-istrateġija ta' finanzjament tal-NGEU tiġi implimentata f'konformità mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba.

[4] L-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea.

## Rwoli u r-responsabbiltajiet ewlenin fil-finanzjament tal-NGEU

**08** L-implimentazzjoni tal-istrateġija ta’ finanzjament diversifikata kienet teħtieġ arranġamenti organizzazzjonali ġodda u proċeduri ta’ ġestjoni tad-dejn ġodda. Il-Kummissjoni ħarġet diversi deċiżjonijiet li jibdlu l-istruttura u l-kompetenzi tad-Direttorat Ġenerali għall-Baġit (DĠ BUDG), li jistabbilixxu proċeduri ta’ rappurtar u ta’ allokazzjoni tal-kostijiet, u li jdaħħlu fis-seħħ in-network tan-negozjanti primarji tal-UE (PDN). Il-Kummissarju responsabbli għall-baġit tal-UE adotta l-Politika ta’ Livell Għoli dwar ir-Riskju u l-Konformità (HLRCP), li kienet tapplika għad-dejn tal-NGEU. Id-DĠ BUDG implimenta proċeduri interni għall-ġestjoni tal-likwidità, is-sindakazzjonijiet u l-irkantijiet tal-bonds.

**09** Id-DĠ BUDG jissodisfa l-funzjonijiet ewlenin tal-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU, inklużi l-front office, il-back office, is-servizz legali u l-funzjoni l-ġdida tal-Uffiċjal Kap tar-Riskji (CRO). L-***Anness I*** jiddeskrivi r-responsabbiltajiet ewlenin fl-istrutturi tal-Kummissjoni għall-ġestjoni tad-dejn.

**10** Il-***Figura 4*** turi r-rwoli u r-responsabbiltajiet ewlenin fil-proċess tal-finanzjament tal-programm tal-NGEU permezz tal-ħruġ ta’ bonds tal-NGEU.

## Figura 4 – Rwoli u responsabbiltajiet ewlenin fil-ħruġ ta’ bonds tal-NGEU




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

**11** Flimkien mal-istrateġija ta' finanzjament tal-NGEU, il-Kummissjoni żviluppat metodu ġdid ta' allokazzjoni tal-kostijiet tat-teħid b'self bejn il-baġit tal-UE u l-Istati Membri[5]. Dan jorbot it-teħid b'self u l-iżborżi li jseħħu fl-istess perjodi ta' żmien ta' sitt xhur. Il-benefiċjarji jħallsu l-kost tal-finanzjament li jikkorrispondi għall-kost imġarrab fi żmien il-ġabra ta' sitt xhur tal-fondi mislufa li użaw. Skont din il-proċedura, l-Istati Membri jħallsu l-kostijiet tas-selfiet taħt l-RRF li jkunu rċevew, filwaqt li l-baġit tal-UE jħallas il-kostijiet assoċjati mal-għotjiet kollha taħt l-NGEU. Il-*Figura 5* tiddeskrivi t-tipi ta' kostijiet skont l-istrateġija ta' finanzjament tal-NGEU.

### Figura 5 – Tipi ta' kostijiet tat-teħid b'self skont l-istrateġija ta' finanzjament diversifikata




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

## Tranżazzjonijiet ta' teħid b'self sa tmiem Ġunju 2022

**12** Il-Kummissjoni setgħet tibda t-tranżazzjonijiet ta' teħid b'self taħt l-NGEU wara li d-deċiżjoni tal-Kunsill dwar ir-riżorsi proprji tal-UE daħħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021. Mill-15 ta' Ġunju 2021[6] sa tmiem Ġunju 2022, il-Kummissjoni wettqet 65 tranżazzjoni ta' teħid b'self taħt l-NGEU, li jammontaw għal EUR 195 biljun. It-tranżazzjonijiet kollha ta' teħid b'self kienu f'euro. Il-ħruġ uniku fuq terminu twil kien bejn EUR 2.5 biljun u EUR 20 biljun. Il-*Figura 6* tipprovdi informazzjoni dwar it-tipi u l-ammonti tat-tranżazzjonijiet kollha ta' teħid b'self taħt l-NGEU f'dan il-perjodu.

---

[5] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1095 dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet relatati mal-operazzjonijiet mutwatarji u tal-ġestjoni tad-dejn permezz tal-NGEU.

[6] Is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea: Transactions data.

## Figura 6 – Tranżazzjonijiet ta' teħid b'self taħt l-NGEU sat-30 ta' Ġunju 2022




Il-Kummissjoni użat **erba' tipi differenti** ta' tranżazzjonijiet ta' teħid b'self taħt l-NGEU:

**1 Sindakazzjonijiet tal-bonds**

- tranżazzjoni waħda jew tnejn fix-xahar;
- eżegwiti ma' negozjanti primarji magħżula;
- tariffa tas-sindakazzjoni bbażata fuq il-volum tat-tranżazzjoni;
- użati għall-finanzjament tal-NGEU.

**2 Rkanti tal-bonds**

- tranżazzjoni waħda jew tnejn fix-xahar;
- negozjanti primarji tal-UE jistgħu jagħmlu offerta fuq pjattaforma tal-irkant iddedikata;
- offerti aċċettati mill-inqas rendiment sal-ilħuq tal-volum meħtieġ;
- l-ebda tariffa mħallsa lin-negozjanti primarji;
- użati għall-finanzjament tal-NGEU.

**3 Rkanti tal-kambjali**

- titoli ta' dejn b'terminu sa 12-il xahar;
- tipikament żewġ tranżazzjonijiet fix-xahar;
- l-istess proċess ta' offerti bħal dak tal-irkantijiet tal-bonds;
- użati għall-ġestjoni tal-likwidità.

**4 Tranżazzjonijiet tas-suq monetarju**

- abbażi ta' tliet linji ta' kreditu fuq terminu qasir ma' istituzzjonijiet finanzjarji kbar tal-UE;
- użati biex ikopru ħtiġijiet ta' likwidità addizzjonali u mhux previsti.

*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

**13** B'segwitu għall-ħlas lura tal-linji ta' kreditu kollha u ta' parti mill-kambjali tal-UE, fit-30 ta' Ġunju 2022, id-dejn pendenti assoċjat mal-NGEU kien jammonta għal EUR 144 biljun. Il-*Figura 7* turi d-dejn pendenti tal-NGEU fuq terminu qasir u twil matul il-perjodu minn Ġunju 2021 sa Ġunju 2022.

## Figura 7 – Dejn pendenti tal-NGEU




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

**14** Il-*Figura 8* tipprovdi dettalji dwar it-tipi ta' strumenti ta' dejn u d-daqs tagħhom.

## Figura 8 – Dejn tal-NGEU fit-30 ta' Ġunju 2022




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

**15** Minn Ġunju 2021 sa Ġunju 2022, il-ħruġ sindakat ta' bonds tal-UE kien jirrappreżenta l-akbar sehem (52 %) tat-teħid b'self tal-NGEU, li jinkludi bonds, kambjali u tranżazzjonijiet tas-suq monetarju. Skont il-Kummissjoni, f'Awwissu 2022 il-bażi tal-investituri għat-tranżazzjonijiet sindakati tal-NGEU kienet tinkludi aktar minn 1 000 investitur differenti minn 70 pajjiż differenti. Il-***Figura 9*** turi l-istruttura ġeografika u t-tipi prinċipali ta' investituri fi tranżazzjonijiet sindakati.

## Figura 9 – Bażi tal-investituri tat-tranżazzjonijiet sindakati tal-NGEU fl-1 ta' Awwissu 2022




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

# Ambitu u approċċ tal-awditjar

**16** B'dan l-awditu, aħna għandna l-għan li nikkontribwixxu għall-ġestjoni finanzjarja tajba tal-operazzjonijiet futuri ta' ġestjoni tad-dejn abbażi tal-istrateġija ta' finanzjament diversifikata l-ġdida, li f'Diċembru 2022 saret l-approċċ prestabbilit tal-UE għall-ġestjoni tad-dejn.

**17** Il-mistoqsija prinċipali tal-awditjar tagħna kienet jekk il-Kummissjoni kinitx żviluppat sistema effettiva għall-ġestjoni tad-dejn iġġenerat għall-finanzjament tal-NGEU. Iffukajna fuq it-tfassil u l-operat bikri tas-sistema tal-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU minn Ġunju 2021 sa Ġunju 2022. Eżaminajna jekk:

- l-istrutturi u l-kompetenzi operazzjonali u ta' ġestjoni tar-riskju l-ġodda kinux konformi mal-prinċipji internazzjonali tal-ġestjoni tad-dejn, u jekk dawn kinux ippermettew l-implimentazzjoni ta' aspetti ewlenin tal-istrateġija ta' finanzjament diversifikata;
- il-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU kinitx ġabet riżultati tajbin fl-ewwel sena tal-operat, f'termini ta' kostijiet tat-teħid b'self, filwaqt li nżamm livell prudenti ta' riskju u konformità mar-rekwiżiti regolatorji;
- il-Kummissjoni kinitx iddokumentat l-analiżi tal-kompromessi, bejn il-kost u r-riskju tat-tranżazzjonijiet ta' teħid b'self, u rrappurtatx dwar il-prestazzjoni tal-ġestjoni tad-dejn abbażi ta' objettivi u indikaturi xierqa.

**18** Ma vvalutajniex il-funzjonament tas-sistemi tal-informazzjoni (IT) użati mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tad-dejn, jew il-proċessi tal-iżborż tal-fondi ġġenerati mid-dejn tal-NGEU lill-Istati Membri u lill-baġit tal-UE. Aħna llimitajna l-verifiki tagħna tal-kostijiet amministrattivi għall-preċiżjoni tal-ammonti inklużi fil-kontabbiltà baġitarja.

**19** Applikajna kriterji ta' valutazzjoni bbażati fuq il-leġiżlazzjoni u d-deċiżjonijiet relatati mal-NGEU, il-prinċipji tal-ġestjoni tad-dejn pubbliku rikonoxxuti internazzjonalment, u l-gwida u l-manwal tal-INTOSAI għall-awditjar tal-ġestjoni tad-dejn pubbliku[7]. L-awditu li wettaqna kien ibbażat fuq:

- analiżi tal-arranġamenti regolatorji, kuntrattwali u organizzazzjonali rilevanti li jistabbilixxu l-oqfsa operazzjonali u ta' ġestjoni tar-riskju;

[7] L-INTOSAI, Audit of Public Debt Management: A Handbook for Supreme Audit Institutions.

- evidenza miġbura permezz ta' analiżijiet mhux fuq il-post u analiżijiet tad-dokumentazzjoni pprovduta mid-DĠ BUDG, u permezz ta' intervisti mal-persunal tal-Kummissjoni responsabbli għall-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU;

- valutazzjoni tad-dokumentazzjoni magħżula dwar 10 deċiżjonijiet dwar teħid b'self individwali u 10 applikazzjonijiet għall-PDN.

**20** F'Mejju 2022, bgħattna stħarriġ lis-27 uffiċċju nazzjonali tal-ġestjoni tad-dejn tal-Istati Membri bl-għan li niġbru l-opinjonijiet tagħhom dwar it-titjib potenzjali għall-arranġamenti tal-UE għall-ġestjoni tad-dejn. Irċevejna risposti mingħand 12. Barra minn hekk, ikkonsultajna lill-esperti tal-ġestjoni tad-dejn biex niddiskutu r-riżultati tal-analiżijiet tagħna u l-konklużjonijiet preliminari tal-awditjar tagħna.

# Osservazzjonijiet

## L-istrutturi u l-kompetenzi l-ġodda ppermettew li l-finanzjament tal-NGEU jibda malajr, iżda jeħtieġ li jiġu msaħħa

**21** F'din it-taqsima, niffukaw fuq il-qafas organizzazzjonali stabbilit għall-finanzjament tal-NGEU. Ivvalutajna jekk l-istruttura, il-kapaċitajiet operazzjonali u l-kooperazzjoni mal-fornituri esterni kinux konformi mal-aħjar prattika rikonoxxuta internazzjonalment fil-ġestjoni tad-dejn pubbliku u jekk kinux adegwati biex jiġu implimentati l-attivitajiet ta' teħid b'self tal-NGEU.

### Il-kapaċitajiet ta' ġestjoni tad-dejn tal-Kummissjoni, li ġew stabbiliti rapidament, jeħtieġu aġġustament biex jikkonformaw mal-aħjar prattika

**22** Eżaminajna jekk il-Kummissjoni kinitx stabbiliet l-istrutturi u l-kompetenzi l-ġodda meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' finanzjament diversifikata, b'mod f'waqtu, inkluż b'mod partikolari:

- responsabbiltajiet operazzjonali strutturati b'mod ċar għall-ġestjoni tad-dejn, li jkunu separati f'funzjonijiet ta' front office, middle office, u back office, f'konformità mal-aħjar prattika rikonoxxuta internazzjonalment żviluppata mill-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI), l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (INTOSAI) u l-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD);
- obbligi ta' rendikont, rwoli u responsabbiltajiet iddefiniti b'mod ċar għall-ġestjoni tar-riskju, li ma jkunux ristretti mir-rappurtar dwar ir-riskji meta jinħolqu kwistjonijiet rilevanti;
- politiki adegwati għaż-żamma u s-suċċessjoni tal-persunal, u arranġamenti għall-persunal li jittratta l-ġestjoni tad-dejn.

**Funzjonijiet operazzjonali għall-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU**

**23** Skont l-istrateġija ta’ finanzjament tal-NGEU[8], il-Kummissjoni ppjanat li torganizza tranżazzjonijiet ta’ finanzjament b’mod simili għal dak użat minn Stati sovrani. L-uffiċċji tal-ġestjoni tad-dejn f’pajjiżi fejn is-swieq kapitali huma s-sors prinċipali ta’ finanzjament (b’mod simili għall-Kummissjoni) normalment ikollhom struttura organizzazzjonali li tinkludi back offices, middle offices, u front offices, kif jidher fit-***Tabella 3***.

## Tabella 3 – Responsabbiltajiet tas-soltu tal-front office, tal-middle office u tal-back office

| Front office | Middle office | Back office |
| --- | --- | --- |
| o tranżazzjonijiet ta’ teħid b’self<br>o relazzjonijiet mal-investituri u man-negozjanti primarji<br>o implimentazzjoni tal-istrateġija ta’ ġestjoni tad-dejn<br>o ġestjoni tal-portafoll tad-dejn bi tqabbil ma’ parametru referenzjarju | o analiżi u pariri għall-maniġment superjuri dwar strateġiji xierqa ta’ ġestjoni tad-dejn<br>o monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-front office bi tqabbil ma’ miri u parametri referenzjarji strateġiċi<br>o analiżi, monitoraġġ u rappurtar dwar ir-riskji | o tranżazzjonijiet ta’ saldu tat-teħid b’self<br>o kontabbiltà u validazzjoni tad-*data* dwar id-dejn<br>o rappurtar dwar id-dejn<br>o monitoraġġ u kontroll tal-iżborżi |

*Sors:* L-INTOSAI, Audit of Public Debt Management, A Handbook for Supreme Audit Institutions.

**24** Id-deċiżjoni tal-Kunsill dwar ir-riżorsi proprji tal-UE ġiet adottata f’Diċembru 2020[9], u daħlet fis-seħħ fl-1 ta’ Ġunju 2021. L-arranġamenti organizzazzjonali tal-Kummissjoni ppermettew li t-tranżazzjonijiet ta’ teħid b’self jibdew fil-15 ta’ Ġunju 2021. L-istruttura organizzazzjonali tal-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU fi ħdan il-Kummissjoni (ara l-***Anness I***) tikkombina l-funzjonijiet tal-front office u xi wħud minn dawk tal-middle office f’unità waħda (BUDG E3). Din l-unità hija responsabbli kemm għall-iżvilupp tal-istrateġija kif ukoll għall-implimentazzjoni tagħha, attivitajiet li normalment jiġu allokati lil unitajiet differenti fi ħdan organizzazzjoni.

---

[8] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar strateġija ta’ finanzjament ġdida għall-finanzjament tan-NextGenerationEU, COM(2021) 250.

[9] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea.

**25** L-aħjar prattika fil-ġestjoni tad-dejn tirrikjedi li l-persunal responsabbli għall-istabbiliment u l-monitoraġġ tal-qafas ta' ġestjoni tar-riskju u għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni jkun indipendenti mill-persunal responsabbli għall-eżekuzzjoni tat-tranżazzjonijiet tas-suq[10]. Funzjoni separata ta' middle office tkun tappoġġa din l-indipendenza. Il-middle office normalment huwa responsabbli għall-analiżi tar-riskju, inklużi xenarji differenti tar-riskju u tal-kost.

**26** Inqisu li n-nuqqas ta' funzjoni separata ta' middle office fl-arranġamenti tal-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU jdgħajjef il-valutazzjoni tal-prestazzjoni f'termini tal-implimentazzjoni tal-objettivi għall-ġestjoni tad-dejn mill-front office. Sibna li dawn l-arranġamenti organizzazzjonali llimitaw, kemm fl-ambitu kif ukoll fl-għadd, l-analiżijiet imwettqa mill-Kummissjoni fir-rigward tax-xenarji tar-riskju u tal-kost matul l-ippjanar tal-ħruġ ta' bonds tal-NGEU. Il-Kummissjoni qieset li din l-istruttura hija l-aktar waħda xierqa minħabba n-natura tal-attivitajiet u l-ħtieġa li l-kapaċità tinbena malajr bir-riżorsi disponibbli.

**L-istabbiliment tal-qafas il-ġdid tar-riskji u tal-konformità**

**27** Il-Kummissjoni ddeċidiet[11] li l-Uffiċjal Kap tar-Riskji (CRO) huwa responsabbli għall-istabbiliment tal-qafas tar-riskji u tal-konformità għall-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' finanzjament tal-NGEU. Skont l-approċċ ta' finanzjament back-to-back, ma nħatar l-ebda CRO. Madankollu, peress li l-programm ta' finanzjament tal-NGEU huwa kumpless u kbir, u minħabba r-riskji assoċjati mal-istrateġija ta' finanzjament diversifikata l-ġdida, il-Kummissjoni ħatret CRO responsabbli għall-ġestjoni tar-riskji assoċjati mal-operazzjonijiet tal-NGEU. Dawn l-arranġamenti ta' governanza ġodda kienu maħsuba biex is-CRO jkun jista' jaħdem b'mod indipendenti mill-eżekuzzjoni tal-operazzjonijiet ta' ġestjoni tad-dejn.

[10] Id-Dokument ta' Politika dwar il-Fond Monetarju Internazzjonali, Revised Guidelines for Public Debt Management, 2014, p. 21.

[11] L-Artikolu 16 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2021) 2502.

**28** L-istruttura ta’ governanza għall-operazzjonijiet ta’ ġestjoni tad-dejn tal-NGEU tirrifletti l-mudell ta’ “tliet linji ta’ difiża”, li joriġina mill-qafas tal-COSO. Din issaħħaħ sistema effettiva ta’ ġestjoni tar-riskju, fejn l-ewwel linja ta’ difiża jkollha s-sjieda u timmaniġġja r-riskji u t-tieni linja ta’ difiża tissorvelja dawn ir-riskji. Għall-Kummissjoni:

- Id-DĠ BUDG (il-front office u l-back office għall-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU) iwettaq il-kontrolli tal-ewwel linja inkorporati fl-operazzjonijiet ta’ ġestjoni tad-dejn;
- is-CRO, li jinsab fi ħdan id-DĠ BUDG u huwa appoġġat mill-Kumitat tar-Riskju u l-Konformità, huwa responsabbli għall-verifiki tat-tieni linja, għall-verifiki tal-konformità u għas-sorveljanza tar-riskju; u
- is-Servizz tal-Awditjar Intern jipprovdi aċċertament indipendenti dwar l-adegwatezza tas-sistemi ta’ kontroll, bħala t-tielet linja ta’ difiża.

Il-***Figura 10*** turi din l-istruttura ta’ governanza għall-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU.

## Figura 10 – Struttura ta' governanza u l-linji ta' rappurtar għall-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq l-HLRCP.

**29** Il-Kummissjoni tat mandat[12] li s-CRO għandu jwettaq l-attivitajiet tiegħu b'mod indipendenti, u f'konformità mal-Politika ta' Livell Għoli dwar ir-Riskju u l-Konformità (HLRCP). L-HLRCP iddefiniet il-linji ta' rappurtar, ir-responsabbiltajiet ġenerali, l-objettivi u l-ambitu tal-ħidma tas-CRO. Sibna li d-distinzjoni bejn ir-rwoli tad-Deputat Direttur Ġenerali u tas-CRO mhijiex ċara, u r-responsabbiltajiet tas-CRO fil-kapaċità tiegħu bħala Deputat Direttur Ġenerali mhumiex iddefiniti sew. Billi s-CRO huwa wkoll Deputat Direttur Ġenerali tad-DĠ BUDG, jista' jkun li jiġi assenjat ukoll kompiti addizzjonali li jaf ikunu f'kunflitt mal-mandat tiegħu jew iżidu l-ammont ta' xogħol tiegħu. Dan jaf jimpedixxi l-effettività tas-CRO fir-rwol tiegħu.

**30** Sibna li f'konformità mar-rekwiżiti tal-HLRCP, il-Kummissjoni kienet adottat proċeduri bil-miktub u manwali li jistabbilixxu indikaturi tar-riskju ewlenin u kontrolli interni relatati mar-riskji speċifiċi. L-***Anness II*** fih lista tar-riskji rilevanti. Din l-azzjoni ppermettiet li l-qafas ta' ġestjoni tar-riskju jiġi implimentat fi żmien xieraq fl-ewwel sena tal-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU.

**31** Inqisu li r-rwol tas-CRO sar ċentrali għall-implimentazzjoni ta' bidla organizzazzjonali, li fiha s-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji kienet inkorporata fl-istruttura l-ġdida tal-ġestjoni tad-dejn fi ħdan il-Kummissjoni. L-istabbiliment tal-qafas il-ġdid tar-riskji u tal-konformità għall-NGEU wassal għat-twaqqif ta' politika ta' livell għoli ġdida, proċeduri u għodod, ikkomplementati minn sessjonijiet ta' taħriġ u informazzjoni, li kollha ġew organizzati mit-tim tas-CRO. L-analiżijiet, l-opinjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tas-CRO, rigward kwistjonijiet bħall-pjanijiet tat-teħid b'self, tejbu l-ġestjoni tar-riskji assoċjati mal-attivitajiet ta' teħid b'self taħt l-NGEU. Dawn l-attivitajiet ikkumpensaw parzjalment ukoll l-analiżijiet tar-riskju mistennija mill-middle office.

**32** Il-persunal tat-tim tas-CRO, li fit-30 ta'Ġunju 2022 kellu 2.5 membri tal-persunal ekwivalenti għall-full time (FTE), jista' joħloq riskju għall-kontinwità tal-operat, b'mod partikolari meta l-membri tat-tim ikunu assenti b'mod mhux mistenni (l-***Anness I*** jipprovdi dettalji dwar l-għadd u r-responsabbiltajiet tal-persunal). Sibna wkoll li l-ammont ta' xogħol tat-tim tas-CRO jirrikjedi l-użu ta' riżorsi mill-ewwel linja ta' difiża, u dan idgħajjef is-sorveljanza indipendenti tar-riskji mit-tieni linja ta' difiża.

[12] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2021) 2502.

33 Sa Diċembru 2022, ir-responsabbiltajiet tas-CRO ma kinux jinkludu analiżi u rappurtar dwar ir-riskji assoċjati ma' programmi ta' self back-to-back, u l-obbligazzjonijiet li rriżultaw minnhom kienu jammontaw għal EUR 148 biljun f'Ġunju 2022. F'Diċembru 2022, il-Kummissjoni estendiet il-mandat tas-CRO lil hinn mill-programm tal-NGEU biex jiġi kopert it-teħid b'self kollu taħt l-istrateġija ta' finanzjament diversifikata u l-finanzjament back-to-back[13].

**Ġestjoni tal-persunal li jittratta d-dejn tal-NGEU**

34 Fl-2021, il-Kummissjoni stabbiliet id-Direttorat E fi ħdan id-DĠ BUDG. Id-direttorat huwa responsabbli għall-ġestjoni tal-assi, tad-dejn u tar-riskju finanzjarju. F'perjodu relattivament qasir ta' sitt xhur, il-Kummissjoni ġabret flimkien tim ewlieni biex tibda l-attivitajiet ta' teħid b'self fuq skala kbira.

35 Il-Kummissjoni kellha timla malajr ħafna postijiet ġodda speċjalizzati ħafna fit-tim tal-ġestjoni tad-dejn. Il-biċċa l-kbira mill-ħiliet u l-esperjenza meħtieġa ma kinux diġà disponibbli internament. Sibna li 46 % tat-tim tal-ġestjoni tad-dejn fid-DĠ BUDG kienu fuq kuntratti temporanji ta' diversi deskrizzjonijiet (ara t-***Tabella 4***). Għadd sinifikanti ta' membri tal-persunal ġie mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà. Il-proporzjon għoli ta' persunal estern u temporanju jżid ir-riskju li d-dawran futur tal-persunal jista' jikkompromettі l-kwalità u l-effiċjenza tal-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU, u jirriżulta fit-telf tal-għarfien istituzzjonali.

[13] L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2022/2544 dwar l-arranġamenti ta' governanza għal strateġija ta' finanzjament diversifikata.

### Tabella 4 – Persunal involut fl-attivitajiet ta' ġestjoni tad-dejn tal-NGEU fid-DĠ BUDG fi tmiem Ġunju 2022

| Tip ta' impjieg | Għadd ta' membri tal-persunal (FTE) | Proporzjon (%) |
|---|---|---|
| Uffiċjali | 17.5 | 54 % |
| Esperti nazzjonali sekondati | 8.0 | 25 % |
| Membri tal-persunal temporanji | 5.0 | 15 % |
| Aġenti kuntrattwali | 2.0 | 6 % |
| **Għadd kumplessiv ta' membri tal-persunal** | **32.5** | |

*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq *data* tad-DĠ BUDG għall-membri tal-persunal FTE għall-NGEU, id-Direttorat E, l-unitajiet E.1, E.2, E.3, E.4, u t-tim tas-CRO, 30.6.2022.

**36** Fl-2022, id-DĠ BUDG identifika għadd ta' riskji relatati mar-reklutaġġ, għalkemm ma kklassifikahomx formalment bħala kritiċi. Dawn ir-riskji kienu relatati man-nuqqas ta' persunal supplimentari għal xi rwoli ewlenin tal-ġestjoni tad-dejn; l-impatt li n-nuqqas ta' disponibbiltà ta' membri ewlenin tal-persunal jista' jkollu fuq l-attivitajiet tad-direttorat; u n-nuqqas relattiv ta' attraenza tas-salarji inizjali offruti fit-tim tal-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU, li huwa bbażat priċipalment fil-Lussemburgu, lil assistenti u speċjalisti mis-settur finanzjarju. Il-Kummissjoni għadha ma indirizzatx dawn ir-riskji.

## Il-Kummissjoni użat kriterji sodi biex tagħżel il-fornituri esterni ewlenin tas-servizzi

**37** L-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' finanzjament tal-NGEU kienet tirrikjedi li jiġu ingaġġati għadd ta' fornituri esterni ġodda tas-servizzi. Pereżempju, il-Kummissjoni kienet teħtieġ servizz ta' kont bankarju sikur u affidabbli sabiex iżżomm u tiżborża l-ammonti li kienu qed jiġu mislufa fuq skala mingħajr preċedent. L-istrateġija ta' finanzjament tal-NGEU kienet tirrikjedi l-użu ta' sistema ta' rkant bħala għodda ġdida għall-ħruġ ta' bonds tal-UE, u bħala l-uniku metodu għall-ħruġ ta' kambjali tal-UE. Minħabba l-għadd u l-volum kbir ta' tranżazzjonijiet ta' teħid b'self taħt l-istrateġija ta' finanzjament tal-NGEU, il-Kummissjoni stabbiliet ukoll network tan-negozjanti primarji (PDN). Il-*Figura 11* tipprovdi deskrizzjoni qasira tal-fornituri kollha tas-servizzi ingaġġati mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU.

## Figura 11 – Fornituri esterni tas-servizzi għall-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq il-Kummissjoni u l-prospett għall-bonds tal-UE.

**38** Analizzajna jekk il-Kummissjoni kinitx għażlet il-fornituri esterni tas-servizzi meħtieġa għall-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU abbażi ta' kriterji trasparenti u robusti. Filwaqt li ħadna inkusiderazzjoni l-importanza strateġika tagħhom, analizzajna l-kuntratti ffirmati mill-Kummissjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), il-Banque de France u l-istabbiliment tal-PDN.

### Kont bankarju tal-NGEU fil-BĊE

**39** Il-BĊE jipprovdi lill-programm tal-NGEU b'servizzi ta' kontijiet bankarji għall-bilanċi tal-flus u għall-iżborżi. Il-ftehim tal-Kummissjoni mal-BĊE prattikament jelimina r-riskju ta' kreditu assoċjat mal-kont bankarju tal-NGEU. Il-Kummissjoni identifikat lill-BĊE bħala l-uniku fornitur tas-servizzi li seta' jipproċessa b'mod affidabbli l-pagamenti l-kbar assoċjati mal-NGEU.

### Sistema ta’ rkant għall-bonds u l-kambjali tal-NGEU

**40** Il-Kummissjoni tuża s-sistema ta’ rkant ipprovduta mill-Banque de France. Din intgħażlet abbażi ta’ kriterji robusti, inklużi rekwiżiti tekniċi, disponibbiltà, u sigurtà tas-sistema ta’ rkant. L-analiżi tar-rekwiżiti kopriet ħames offerti differenti u kienet tinkludi konsultazzjoni mal-parteċipanti fis-suq. F’April 2021, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-funzjonalità tas-sistema ta’ rkant kienet tikkorrispondi bis-sħiħ mar-rekwiżiti tal-Kummissjoni. Hija ssodisfat ukoll il-ħtieġa li din tkun operazzjonali sal-1 ta’ Settembru 2021.

### Network tan-negozjanti primarji

**41** Il-Kummissjoni stabbiliet PDN biex tiġi ffaċilitata l-eżekuzzjoni tat-tranżazzjonijiet sindakati, tal-irkantijiet u tal-pjazzamenti privati[14]. Il-PDN jiżgura li d-dejn tal-UE jkun mifrux fuq bażi wiesgħa ta’ investituri. Fi tmiem Ġunju 2022, il-PDN kien jinkludi 43 negozjant primarju (PDs). Il-PDs biss jistgħu jipparteċipaw f’irkantijiet, sindakazzjonijiet, u pjazzamenti privati. Ara l-***Figura 12***.

[14] Is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea: How EU issuance works.

## Figura 12 – Network tan-negozjanti primarji

### FATTI EWLENIN

**43 istituzzjoni**
**fil-PDN**

### Rappreżentanza ġeografika

Għadd ta' banek fil-PDN

0 1 15




### Kriterji ta' eliġibbiltà

- Entitajiet legali stabbiliti li għandhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fl-UE jew f'pajjiż taż-ŻEE
- Istituzzjoni ta' kreditu taħt superviżjoni minn awtorità kompetenti jew ditta ta' investiment tal-UE, awtorizzata fl-UE biex twettaq l-attività ta' sottoskrizzjoni u/jew tqegħid ta' strumenti finanzjarji
- Negozjant primarju għal emittent Ewropew ieħor

### Dmirijiet

- **xiri** ta' medja ponderata minima ta' 0.05 % tal-volumi rkantati mill-Unjoni fuq bażi semiannwali
- **promozzjoni** tal-likwidità tat-titoli tad-dejn tal-Unjoni, li tikkontribwixxi għall-iskoperta u l-effiċjenza tal-prezzijiet tas-suq sekondarju
- **rappurtar** dwar l-eżekuzzjoni tal-attivitajiet tal-PD, kwalunkwe nuqqas ta' konformità mal-kriterju ta' eliġibbiltà jew titjib jew tnaqqis fil-klassifikazzjoni

### It-tariffi

**għas-sindakazzjoni huma kkalkolati bħala sehem mill-volum ta' titoli mibjugħa li jinbidlu bil-maturità tal-bonds**

| Maturità fi snin | 1 - 4 | 4 - 6 | 6 - 9 | 9 - 14 | 14 - 19 | 19 - 28 | 28 - |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Tariffa ta' sindakazzjoni | 0.05 % | 0.07 % | 0.09 % | 0.10 % | 0.12 % | 0.15 % | 0.17 % |

*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

**42** Il-Kummissjoni aċċettat l-applikazzjonijiet kollha għall-parteċipazzjoni fil-PDN. Osservajna li mit-43 PD li kienu jeżistu fi tmiem l-2021, il-Kummissjoni sabet li 10 kienu qed jiksru l-liġi tal-antitrust tal-UE, u dan irriżulta biex il-Kummissjoni ssospendiethom inizjalment milli jipparteċipaw fil-PDN. Konsegwentement, kienu meħtieġa jippreżentaw informazzjoni dwar miżuri li jindirizzaw il-ksur tagħhom tal-liġi tal-antitrust. Il-Kummissjoni daħħlet dawn l-10 PDs kollha fil-PDN wara li analizzat l-informazzjoni li kienu ppreżentaw.

**43** Sabiex nivvalutaw l-applikazzjoni tal-kriterji ta' eliġibbiltà kif ukoll it-trasparenza u l-ambitu tal-proċess tal-għażla, ivverifikajna kampjun aleatorju ta' 10 applikazzjonijiet tal-PDs minn 43 li ġew ippreżentati lill-Kummissjoni. B'mod ġenerali, il-Kummissjoni kienet iddokumentat l-għażla tal-PDs b'mod ċar u trasparenti, u l-istituzzjonijiet magħżula kienu eliġibbli biex jipparteċipaw fil-PDN. Mill-10 PDs fil-kampjun, 4 kienu ġew sospiżi għall-ksur tal-liġi tal-antitrust tal-UE. Sibna li l-Kummissjoni ġabret evidenza suffiċjenti biex tiġġustifika t-tneħħija tas-sospensjoni, u biex tiġi permessa l-parteċipazzjoni tagħhom fil-PDN.

**44** Il-PDs jagħtu l-kunsens tagħhom għall-awditi u għall-verifikazzjonijiet assoċjati mad-*data* mibgħuta lill-Kummissjoni fil-qafas tal-obbligi ta' rappurtar tagħhom[15]. Il-Kummissjoni għadha ma użatx id-dritt tagħha li tuża parti terza biex twettaq awditu f'dan ir-rigward.

## Il-Kummissjoni ssellfet il-fondi fil-ħin, f'konformità mal-limiti regolatorji u b'kostijiet li jikkorrispondu għall-pożizzjoni tas-suq tagħha

**45** F'din it-taqsima, ivvalutajna jekk il-Kummissjoni kinitx żviluppat u applikat proċeduri xierqa ta' ġestjoni tad-dejn sabiex tissellef il-fondi meħtieġa fil-ħin u f'konformità mar-rekwiżiti regolatorji. L-operazzjonijiet ta' ġestjoni tad-dejn jaqgħu taħt l-ambitu tal-implimentazzjoni baġitarja[16], u jridu jirrispettaw il-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba. Għalhekk, analizzajna wkoll jekk il-Kummissjoni kinitx evitat

[15] L-Artikolu 14 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2021/625 dwar l-istabbiliment tal-PDN.

[16] Il-Premessa 5 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 2501 rigward regoli interni speċifiċi dwar l-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' teħid b'self, ta' ġestjoni tad-dejn u ta' għoti b'self.

kostijiet mhux meħtieġa li setgħu rriżultaw minn bilanċi tal-flus eċċessivi fil-kont bankarju tal-NGEU fil-BĊE.

## Il-Kummissjoni kkomunikat sew il-ħtiġijiet tagħha ta' teħid b'self, u kkonformat mar-rekwiżiti regolatorji ewlenin għad-dejn tal-NGEU

**46** L-istrateġija ta' finanzjament tal-NGEU ddeskriviet li komunikazzjoni ċara u miftuħa mal-investituri u mal-emittenti pari hija kritika għas-suċċess tal-programm ta' finanzjament tal-NGEU. Il-Kummissjoni jeħtiġilha tikkonforma mal-miri kkomunikati lis-suq, u mar-rekwiżiti legali u proċedurali applikabbli għad-dejn tal-NGEU. Għalhekk, eżaminajna l-elementi li ġejjin:

- l-analiżijiet tal-Kummissjoni tal-ħtiġijiet ta' teħid b'self relatati mal-finanzjament tal-NGEU;
- il-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni mas-swieq kapitali u mal-partijiet ikkonċernati fir-rigward tal-ħruġ ta' dejn tal-UE;
- l-issodisfar mill-Kummissjoni tar-rekwiżiti legali u proċedurali ewlenin għall-operazzjonijiet ta' ġestjoni tad-dejn.

**Analiżi tal-ħtiġijiet ta' teħid b'self**

**47** Id-DĠ BUDG iħejji analiżijiet sistemiċi u dettaljati tal-ħtiġijiet ta' teħid b'self qabel ma jwettaq tranżazzjonijiet ta' teħid b'self taħt l-NGEU. Il-Kummissjoni tuża għodda tal-IT iddedikata biex tikkomunika l-ħtiġijiet ta' finanzjament fuq terminu qasir u dak twil. Il-Kumitat tat-Tbassir, li nħoloq fi ħdan id-DĠ BUDG f'Mejju 2021, iħejji rapporti ta' kull xahar dwar il-ħtiġijiet tal-iżborż taħt l-NGEU. Dawn ir-rapporti, li jkopru perjodu kontinwu ta' xahrejn, jipprovdu bażi għall-iskedi tat-teħid b'self ta' kull xahar.

**48** L-analiżi li wettaqna ta' żewġ rapporti dwar il-ħtiġijiet tal-iżborż taħt l-NGEU, li ġew adottati f'Awwissu u f'Diċembru 2021, sabet li l-maġġoranza l-kbira tal-iżborżi reali kienu kif ipproġettati inizjalment. L-unika bidla notevoli għat-tbassir inkluż f'dawn ir-rapporti kienet waħda ta' EUR 5.96 biljun għal Stat Membru wieħed. Nosservaw li t-tbassir ġie aġġornat abbażi ta' *data* ġdida.

**49** Sibna li l-proċeduri tal-Kummissjoni jippermettulha tikkomunika minn qabel il-ħtiġijiet ta' teħid b'self tagħha lis-swieq finanzjarji u lill-partijiet ikkonċernati, u tikkoreġi l-iskedi tat-teħid b'self fi żmien xieraq jekk ikun meħtieġ. Fl-2021, pereżempju, meta nħareġ il-pjan ta' finanzjament semiannwali, il-ħtiġijiet reali għall-fondi tal-NGEU kienu ħafna aktar baxxi milli mistenni. Sibna li r-rispons tal-Kummissjoni għall-bidliet fil-ħtiġijiet ta' teħid b'self fi tmiem l-2021 kien xieraq. Ara l-*Kaxxa 1*.

### Kaxxa 1

### Adattament tat-teħid b'self taħt l-NGEU għall-ħtiġijiet ta' finanzjament li kienu qed jinbidlu fl-2021

Fit-28 ta' Ottubru 2021, id-DĠ BUDG ħareġ rapport dwar il-ħtiġijiet tal-iżborż taħt l-NGEU għal Novembru u Diċembru 2021, li wera li l-ħtiġijiet tal-iżborż kienu EUR 18-il biljun inqas milli kien ippjanat inizjalment għal Novembru u Diċembru.

Fid-29 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni ħejjiet analiżi tax-xenarju għat-tranżazzjonijiet li kien jifdal fi tmiem is-sena. Il-Kummissjoni ddeċidiet li tnaqqas l-ammont ippjanat tat-teħid b'self fuq terminu twil iżda ddeċidiet ukoll li żżomm l-iskeda ta' żmien stabbilita tal-irkantijiet fuq terminu qasir.

Fl-istess data, id-DĠ BUDG biddel l-iskeda tat-teħid b'self ta' kull xahar għal Novembru u Diċembru 2021, u l-Kummissjoni ħarġet aġġornament tal-mira ta' finanzjament.

**Komunikazzjoni tal-pjanijiet ta' finanzjament**

**50** Komunikazzjoni ċara u f'waqtha tal-pjanijiet ta' finanzjament lill-investituri u lill-mutwatarji l-oħra hija kundizzjoni ewlenija għat-teħid b'self ta' fondi suffiċjenti fil-ħin. Dan jippermetti lill-investituri jħejju l-fondi rilevanti biex jixtru bonds jew kambjali tal-NGEU. L-iskambju ta' informazzjoni dwar il-pjanijiet ta' finanzjament bejn il-mutwatarji jgħinhom jikkoordinaw il-ħruġ tagħhom ta' strumenti ta' dejn. Pereżempju, il-konċentrazzjoni tat-teħid b'self b'maturitajiet simili fl-istess perjodu tista' żżid il-kostijiet tat-teħid b'self u tipperikola l-eżekuzzjoni tat-tranżazzjonijiet ta' teħid b'self.

**51** Fid-deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji[17], il-Kunsill talab lill-Kummissjoni tistabbilixxi djalogu strutturat mal-uffiċċji nazzjonali tal-ġestjoni tad-dejn u mat-teżoreriji nazzjonali fir-rigward tal-iskedi tal-ħruġ tad-dejn u tal-ħlas lura. Il-Kummissjoni għamlet dan, b'mod notevoli permezz tas-Sottokumitat tal-KEF dwar is-Swieq tad-Dejn Sovran tal-UE ("is-sottokumitat").

**52** Fir-risposti għall-istħarriġ tagħna, l-uffiċċji tal-ġestjoni tad-dejn tal-Istati Membri ddeskrivew li l-iskambju attwali ta' informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri kien ġeneralment adegwat fir-rigward tal-iskedi tal-ħruġ tad-dejn u tal-ħlas lura. Ir-rispondenti ssuġġerew għadd ta' bidliet possibbli, inkluż li l-Kummissjoni tikkondividi aktar informazzjoni dwar il-maturitajiet tad-dejn li jkunu qed jitqiesu għall-irkantijiet u s-sindakazzjonijiet, u li jiġi ppreżentat pjan ta' finanzjament *ex ante* lis-sottokumitat. Il-Kummissjoni tqis li jeħtieġ li żżomm ċerta flessibbiltà biex tkun tista' twieġeb għad-domanda tas-suq. Għalhekk, ma tistax tistabbilixxi l-maturitajiet tad-dejn għall-irkantijiet bil-quddiem ħafna. Il-Kummissjoni ssostni wkoll li l-preżentazzjoni tal-pjan ta' finanzjament lis-sottokumitat qabel ma dan jiġi rilaxxat fis-suq mhijiex possibbli, billi l-pjan ta' finanzjament fih informazzjoni sensittiva dwar is-suq li mhijiex destinata għall-pubbliku.

**53** Il-Kummissjoni tistabbilixxi l-limiti annwali tagħha ta' teħid b'self fid-deċiżjonijiet tagħha dwar teħid b'self[18]. Wara li dawn id-deċiżjonijiet jiġu adottati, il-Kummissjoni tippubblika wkoll pjanijiet ta' finanzjament semiannwali[19] li jipprovdu lill-partijiet ikkonċernati b'informazzjoni aktar preċiża dwar l-ammont mistenni ta' operazzjonijiet ta' finanzjament fuq terminu twil u l-frekwenza tal-ħruġ ta' bonds u kambjali tal-NGEU.

---

[17] L-Artikolu (9)5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea.

[18] Is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea: EU funding strategy, Legal Documents.

[19] Is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea: Funding plans.

**54** Id-dettalji tal-limiti annwali tat-teħid b'self għall-2021 u l-2022 u l-pjanijiet semiannwali dwar il-finanzjament fuq terminu twil sa Ġunju 2022 huma stabbiliti fit-*Tabella 5*.

### Tabella 5 – Limiti u pjanijiet tat-teħid b'self għal finanzjament fuq terminu twil

| 2021 | | 2022 | |
|---|---|---|---|
| Limitu annwali | Pjan ta' finanzjament Ġunju-Diċembru | Limitu annwali | Pjan ta' finanzjament Jannar-Ġunju |
| **EUR 125 biljun** | EUR 80 biljun* | **EUR 140 biljun** | EUR 50 biljun |

*Nota:* * Qabel l-emenda f'Ottubru 2021.

*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq id-deċiżjonijiet annwali tal-Kummissjoni dwar teħid b'self għall-2021 u l-2022 u fuq il-pjanijiet ta' finanzjament semiannwali sa Ġunju 2022.

#### Konformità tal-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU mar-rekwiżiti regolatorji ewlenin

**55** Diversi dispożizzjonijiet regolatorji jnaqqsu l-flessibbiltà tal-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU sa ċertu punt. Huma jesprimu l-aptit għar-riskju, il-ħtieġa ta' stabbiltà tal-baġit tal-UE u tas-suq finanzjarju, u l-karattru temporanju ta' dan il-programm ta' self. It-*Tabella 6* tinkludi informazzjoni dwar il-limiti ewlenin li l-Kummissjoni kellha tieħu inkunsiderazzjoni waqt l-ippjanar u l-implimentazzjoni tat-tranżazzjonijiet ta' teħid b'self.

## Tabella 6 – Limiti ewlenin għall-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU

| Sors | Limitu | Perjodu ta' żmien |
|---|---|---|
| L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar ir-riżorsi proprji tal-UE | **EUR 807 biljun fi prezzijiet kurrenti** (EUR 750 biljun fi prezzijiet tal-2018) – il-limitu massimu għad-dejn totali tal-NGEU | 2021-2058 |
| | **Munita tal-euro** – l-unika munita permessa għat-tranżazzjonijiet ta' teħid b'self taħt l-NGEU | |
| | **31 ta' Diċembru 2026** – id-data ta' skadenza għall-ħruġ nett ġdid ta' dejn tal-NGEU (wara l-2026, il-Kummissjoni xorta tista' tissellef fondi biex it-titoli li jimmaturaw jiġu riportati) | |
| | **31 ta' Diċembru 2058** – id-data ta' skadenza għall-ħlas lura tal-obbligazzjonijiet kollha tal-NGEU | |
| | Il-ħlas lura tad-dejn tal-NGEU jrid ikun **stabbli u prevedibbli** | |
| | **EUR 29.25 biljun (fi prezzijiet tal-2018)** – il-limitu annwali għall-ħlas lura tad-dejn tal-NGEU ġġenerat biex jiġu ffinanzjati s-sussidji mill-baġit tal-UE | |
| Deċiżjonijiet annwali dwar teħid b'self għall-2021 u l-2022 | **EUR 125 biljun (fi prezzijiet kurrenti)** – il-limitu massimu fuq finanzjament fuq terminu twil | 2021 |
| | **EUR 140 biljun (fi prezzijiet kurrenti)** – il-limitu massimu fuq finanzjament fuq terminu twil | 2022 |
| | **EUR 60 biljun (fi prezzijiet kurrenti)** – il-limitu massimu fuq l-ammont pendenti ta' finanzjament fuq terminu qasir | 2021 u 2022 |
| | **EUR 20 biljun (fi prezzijiet kurrenti)** – il-limitu massimu fuq l-ammont massimu għal kull ħruġ uniku ta' finanzjament fuq terminu twil | |
| | **17-il sena** – il-maturità medja massima ta' finanzjament fuq terminu twil | |

*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq deċiżjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni.

**56** Il-***Figura 13*** turi eżempju teoretiku ta' żieda u tnaqqis tad-dejn tal-NGEU f'konformità mal-limiti regolatorji. Fil-prattika, it-teħid b'self u l-ħlas lura tad-dejn tal-NGEU ma għandhomx għalfejn isegwu xejra lineari stretta bħal din.

## Figura 13 – Simulazzjoni tad-dejn pendenti tal-NGEU fis-sena




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

**57** Sibna li fi tmiem Ġunju 2022, il-portafoll kollu kemm hu tad-dejn tal-NGEU kien jissodisfa r-rekwiżiti regolatorji dwar il-limiti massimi tat-teħid b'self, il-munita tat-tranżazzjonijiet ta' teħid b'self u l-maturità medja massima. Il-maturitajiet u l-ammonti tat-tranżazzjonijiet ta' teħid b'self eżegwiti sa tmiem Ġunju 2022 ma jfixklux il-ħlas lura tad-dejn tal-NGEU b'mod stabbli u prevedibbli sal-2058.

**58** Eżaminajna wkoll dokumentazzjoni assoċjata ma' 10 tranżazzjonijiet ta' teħid b'self, li jammontaw għal EUR 55.5 biljun, minn 65 tranżazzjoni ta' teħid b'self li ġew implimentati mill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2022. L-għażla tagħna ffukat fuq l-akbar ammonti u kienet tinkludi t-tipi kollha ta' strumenti ta' teħid b'self taħt l-NGEU. Ara l-*Anness III*. Eżaminajna l-applikazzjoni tal-manwali ta' proċedura interni għat-tipi kollha ta' tranżazzjonijiet ta' teħid b'self. Eżaminajna wkoll l-allinjament tat-tranżazzjonijiet ma' struzzjonijiet dwar it-teħid b'self. Sibna li l-Kummissjoni applikat b'mod xieraq il-proċeduri interni rigward l-ippjanar, l-eżekuzzjoni u r-rappurtar dwar is-sindakazzjonijiet, l-irkantijiet u t-tranżazzjonijiet tas-suq monetarju li ġew analizzati. L-10 tranżazzjonijiet analizzati kollha kienu allinjati mal-pjanijiet ta' finanzjament semiannwali xierqa u mal-istruzzjonijiet dettaljati dwar it-teħid b'self imħejjija mill-Kummissjoni.

## Il-kostijiet tat-teħid b'self jirriflettu l-kundizzjonijiet tas-suq u l-objettiv li jiġi pprovdut finanzjament suffiċjenti fil-ħin

**59** L-għan prinċipali tal-istrateġija ta' finanzjament tal-NGEU huwa li jiġu pprovduti fondi suffiċjenti fi żmien xieraq għall-programmi tal-NGEU. Analizzajna jekk l-evoluzzjoni tal-kost tal-finanzjament tal-NGEU kinitx tirrifletti l-kundizzjonijiet tas-suq, u jekk dan kienx inkiseb b'kost qrib il-kostijiet imħallsa mill-Istati Membri tal-UE bi klassifikazzjoni tal-kreditu simili. Ivvalutajna wkoll jekk il-Kummissjoni kinitx evitat bilanċi tal-flus eċċessivi jew insuffiċjenti fil-kont bankarju tal-NGEU fil-BĊE biex tipprevieni kostijiet mhux meħtieġa, filwaqt li ssodisfat l-obbligi ta' finanzjament hekk kif saru dovuti.

### Prestazzjoni tat-tranżazzjonijiet ta' teħid b'self taħt l-NGEU f'termini tal-kost tal-finanzjament

**60** Il-biċċa l-kbira mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, inklużi Fitch, Moody's, Scope u DBRS EU, jassenjaw l-ogħla klassifikazzjonijiet għad-dejn tal-UE: AAA, Aaa, AAA u AAA (prospettiva stabbli) rispettivament. Minn Mejju 2022 'il hawn, S&P Global Ratings ikklassifikat id-dejn tal-UE bħala AA+ (prospettiva stabbli)[20]. Għalkemm il-klassifikazzjoni tal-kreditu mhijiex l-uniku fattur li jinfluwenza l-kostijiet tal-finanzjament, il-Kummissjoni tista' tissellef fondi fis-swieq kapitali b'kost aktar baxx mill-biċċa l-kbira mill-Istati Membri tal-UE.

**61** Mill-bidu tal-2022 'il hawn, iż-żieda fir-rendimenti tas-suq u l-volatilità tal-prezzijiet affettwaw il-bonds u t-titoli kollha fl-UE, inklużi l-bonds ta' emittenti sovrani ewlenin tal-UE u l-NGEU. Dawn l-iżviluppi rriżultaw mill-inċertezzi akbar assoċjati mal-kunflitti ġeopolitiċi. Fattur ieħor huwa l-issikkar tal-politika monetarja minn banek ċentrali f'ekonomiji avvanzati, li gradwalment bdew ireġġgħu lura l-politiki ta' llaxkar kwantitattiv u jżidu r-rati ta' politika fuq terminu qasir b'rispons għall-pressjonijiet inflazzjonarji li qed jintensifikaw madwar id-dinja.

**62** Ir-rendimenti tal-bonds tal-NGEU mal-ħruġ kienu ogħla fl-2022 milli kienu fl-2021. Għas-sindakazzjonijiet tal-bonds tal-NGEU imwettqa bejn Ġunju u Diċembru 2021, ir-rendiment tas-suq ponderat mal-ħruġ kien ta' 0.16 %. Għas-sindakazzjonijiet imwettqa bejn Jannar u Ġunju 2022, iċ-ċifra korrispondenti kienet ta' 1.36 %, li hija 1.2 punt perċentwali ogħla milli kienet fl-2021.

---

[20] Is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea: EU credit strength.

**63** Mit-tnedija tal-programm ta’ finanzjament tal-NGEU, ir-rendimenti tas-suq tal-bonds tal-NGEU – impliċiti fil-prezzijiet tagħhom – kienu konsistentement qrib ir-rendimenti tad-dejn sovran maħruġ minn Franza u mill-Awstrija (ara l-*Figura 14* għal tqabbil tar-rendimenti għall-bonds ta’ 10 snin). L-evoluzzjoni tar-rendimenti tas-suq tal-bonds tal-NGEU kienet komparabbli mar-rendimenti tal-bonds tal-Istati Membri bi klassifikazzjonijiet tal-kreditu simili. Osservajna li l-firxa medja bejn ir-rendimenti tas-suq ta’ bonds ta’ referenza ta’ 10 snin maħruġa mill-Ġermanja u l-NGEU kienet ta’ 0.24 punt perċentwali (jiġifieri 24 punt bażi) f’Ġunju-Diċembru 2021 u ta’ 0.45 punt perċentwali (jiġifieri 45 punt bażi) f’Jannar-Ġunju 2022.

## Figura 14 – Rendimenti tas-suq għal bonds ta’ 10 snin għal emittenti ewlenin tal-UE




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta minn espert estern.

**64** Ir-rendimenti tal-bonds tal-NGEU mal-ħruġ irriflettew il-pożizzjoni tal-Kummissjoni bħala mutwatarju ġdid fuq skala kbira. Barra minn hekk, ir-rendimenti jirriflettu wkoll l-għan tal-Kummissjoni li tiżgura livell qawwi ta’ parteċipazzjoni mill-investituri fit-tranżazzjonijiet ta’ teħid b’self u ta’ disponibbiltà tal-fondi meta jkun meħtieġ.

**Ġestjoni tal-likwidità**

**65** L-analiżi li wettaqna tat-tranżazzjonijiet ta' teħid b'self u tal-ġestjoni tal-flus kontanti tikkonferma li l-proċeduri applikati jiżguraw flessibbiltà fl-użu ta' metodi differenti ta' teħid b'self u fl-għażla tal-aħjar żmien għat-teħid b'self. Dawn il-metodi jinkludu s-sindakazzjonijiet ta' bonds, l-irkantijiet ta' bonds u kambjali, u l-operazzjonijiet tas-suq monetarju. Il-Kummissjoni tista' tevita kundizzjonijiet tas-suq avversi temporanji għat-teħid b'self billi tuża r-riżervazzjoni ta' likwidità, jew billi żżomm flus kontanti fil-kont tal-NGEU fil-BĊE, jekk ikun meħtieġ.

**66** Il-ġestjoni effettiva tal-likwidità tista' tiġi affettwata, pereżempju, minn dewmien fil-wasla ta' talba għall-pagament minn Stat Membru, jew minn diffikultajiet fil-valutazzjoni tal-Kummissjoni ta' ċerti stadji importanti u miri li huma kundizzjonijiet għar-riċeviment ta' pagamenti taħt l-RRF[21]. Sat-30 ta' Ġunju 2022, 21 Stat Membru kienu rċevew għotjiet u self taħt l-RRF, inkluż prefinanzjament; is-6 pajjiżi li kienu għad iridu jagħmlu dan kienu l-Bulgarija, l-Irlanda, l-Ungerija, in-Netherlands, il-Polonja u l-Iżvezja[22].

**67** Sibna li sa tmiem Ġunju 2022, il-perjodu medju ta' pagament għall-għotjiet u s-selfiet kollha taħt l-RRF kien ta' madwar ħamest ijiem ta' negozju wara li r-rekwiżiti kollha kienu ġew issodisfati u kkonfermati mill-Kummissjoni. Dan kien sinifikattivament aktar baxx mis-sollijiet deskritti fir-Regolamenti applikabbli (xahrejn għall-pagamenti ta' prefinanzjament[23] u 30 jum kalendarju għall-istadji importanti u l-pagamenti bbażati fuq il-miri[24]). L-analiżi li wettaqna tikkonferma li l-Kummissjoni wettqet l-iżborżi taħt l-RRF fil-ħin.

---

[21] Ir-Rapport Speċjali 21/2022: "Il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza", il-paragrafu 82.

[22] Rapport semiannwali dwar l-eżekuzzjoni tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tan-NextGenerationEU (1 ta' Jannar 2022-30 ta' Ġunju 2022), COM(2022) 335, p. 3.

[23] L-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 li jistabbilixxi l-RRF.

[24] L-Artikolu 24.7 tar-Regolament (UE) 2021/241 li jistabbilixxi l-RRF, flimkien mal-Artikoli 116(1) u 116(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

**68** Il-gwida interna tal-Kummissjoni tenfasizza li l-objettiv globali tal-ġestjoni tal-likwidità huwa li jiġi żgurat li l-ammonti miżmuma fil-kont bankarju tal-NGEU jkunu suffiċjenti biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' żborż kollha li jmiss u jinżamm buffer ta' sikurezza definit filwaqt li jiġi evitat kwalunkwe bilanċ eċċessiv. Biex jintlaħaq dan l-objettiv, il-Kummissjoni implimentat politika ta' ġestjoni tal-likwidità, b'rispett tal-limiti stabbiliti fit-*Tabella 7*.

### Tabella 7 – Limiti tal-Ġestjoni tal-Likwidità

| Limitu | Valuri | Dettalji |
|---|---|---|
| **Bilanċ tal-flus ħielsa** | ≥ 0 | F'kull jum ta' negozju, irid ikun hemm bilanċ tal-flus ħielsa fil-kont tal-NGEU fil-BĊE li jkun daqs jew akbar mill-bilanċ tal-flus prudenzjali, jiġifieri pagamenti mill-kont dovuti għall-10 ijiem ta' negozju li jmiss. |
| **Bilanċ minimu tal-flus ħielsa** | EUR 0.1 biljun | Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll buffer mhux vinkolanti ta' EUR 0.1 biljun 'il fuq mill-bilanċ tal-flus prudenzjali, li jrid ikun disponibbli f'kull jum ta' negozju biex ikopri l-ispejjeż mhux mistennija. |
| **Livell superjuri (limitu massimu) fuq il-likwidità medja** | EUR 30 biljun | Dan il-parametru huwa relatat mal-perjodu ta' sitt xhur ta' kull pjan ta' finanzjament. Huwa jieħu inkunsiderazzjoni l-likwidità medja tal-passat u dik mistennija disponibbli fil-kont tal-NGEU fil-BĊE matul dan il-perjodu ta' sitt xhur. |

*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq il-Manwal tal-Kummissjoni dwar it-Tbassir u l-Ġestjoni tal-Likwidità.

**69** Il-Kummissjoni tħejji rapporti ta' kull ġimgħa dwar il-likwidità tal-kont tal-NGEU fil-BĊE, li jenfasizzaw kwalunkwe ksur potenzjali tal-limitu. Jekk dan il-ksur iseħħ, il-Kummissjoni tista' ddewwem l-iżborżi ppjanati għall-programmi tal-NGEU, jew tista' tnaqqas il-volumi ppjanati tat-tranżazzjonijiet ta' teħid b'self li jmiss.

**70** Irrieżaminajna r-rapporti ta' monitoraġġ tal-likwidità għall-ġimgħat kollha minn Ġunju 2021 sa Ġunju 2022. Sibna li fil-perjodu analizzat, il-Kummissjoni kienet irrispettat it-tliet limiti kollha tal-ġestjoni tal-likwidità. F'konformità mal-bilanċi ta' kuljum tal-kont tal-NGEU fil-BĊE, il-bilanċ medju reali tal-flus ammonta għal EUR 25 biljun fl-2021 u EUR 20 biljun fl-ewwel nofs tal-2022. Ara l-*Figura 15*. Osservajna li f'dan il-perjodu l-limiti tal-ġestjoni tal-likwidità baqgħu l-istess.

## Figura 15 – Bilanċi tal-flus ta' kuljum u medji, rikavati u żborż ta' fondi fil-kont tal-NGEU fil-BĊE




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq ir-rendikonti tal-kont bankarju tal-NGEU fil-BĊE u d-dokumenti tal-Kummissjoni.

**71** Fil-perjodu minn Ġunju sa Awwissu 2021, il-bilanċ tal-flus tal-kont tal-NGEU fil-BĊE kien volatili b'mod mhux tas-soltu. Dan kien riżultat tal-iżborżi ta' prefinanzjament tal-RRF li tħallsu bħala somma f'daqqa kbira. Minn Ġunju 2021 sa Ġunju 2022, il-bilanċi tal-flus fil-kont tal-NGEU fil-BĊE, li kienu jaqbżu l-EUR 20 biljun, kienu suġġetti għal rati ta' depożitu negattivi. Fl-2021, pereżempju, din ir-rata kienet ta' -0.50 %, u wasslet biex il-BĊE jitlob kostijiet tar-rata tad-depożiti ta' EUR 21.1 miljun.

**72** Skont il-metodu tal-allokazzjoni tal-kostijiet tal-Kummissjoni[25], il-kost tal-ġestjoni tal-likwidità huwa d-differenza bejn l-imgħax mill-kont bankarju tal-NGEU fil-BĊE u r-rendiment imħallas mill-istrumenti fuq terminu qasir użati biex jiġu ffinanzjati r-riżervazzjonijiet ta' likwidità. L-analiżi li wettaqna tal-ġestjoni tal-likwidità fl-2021 sabet li l-istrumenti ta' dejn ta' terminu qasir, li jintużaw biex jiġu ffinanzjati r-riżervazzjonijiet tal-likwidità, kellhom rendiment negattiv u, minflok il-kostijiet tal-imgħax, dawn iġġeneraw dħul għall-UE. Konsegwentement, il-kost tal-ġestjoni tal-likwidità rriżulta negattiv; fi kliem ieħor, dan irriżulta f'surplus għall-Kummissjoni. Il-Kummissjoni qassmet is-surplus tal-ġestjoni tal-likwidità bejn il-baġit tal-UE

[25] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1095 dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet relatati mal-operazzjonijiet mutwatarji u tal-ġestjoni tad-dejn permezz tal-NGEU.

(EUR 11-il miljun) u l-Istati Membri (EUR 3.6 miljun), b'mod proporzjonali għall-użu tal-ammonti kollha mislufa għal għotjiet u self.

## Il-kejl u r-rappurtar tal-Kummissjoni fir-rigward tal-prestazzjoni tal-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU kienu limitati

**73** F'din it-taqsima, niffukaw fuq l-istabbiliment tal-objettivi u r-rappurtar dwar il-prestazzjoni tal-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU. Ivverifikajna wkoll kif il-Kummissjoni tiddokumenta l-kompromessi bejn il-kostijiet u r-riskju fit-tranżazzjonijiet ta' teħid b'self analizzati, li huwa element importanti għall-kejl tal-prestazzjoni.

### L-objettivi għall-ġestjoni tad-dejn mhumiex stabbiliti b'mod ċar, u dan jillimita r-rappurtar dwar il-prestazzjoni

**74** Skont l-aħjar prattika, rikonoxxuta internazzjonalment, tal-FMI[26] u l-Bank Dinji[27], strateġija ta' ġestjoni tad-dejn pubbliku hija pjan li joperazzjonalizza l-objettivi għall-ġestjoni tad-dejn. L-Artikolu 5(3) tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji[28] jirrikjedi li l-Kummissjoni tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, b'mod regolari u komprensiv, dwar l-aspetti kollha tal-istrateġija tagħha ta' ġestjoni tad-dejn. Eżaminajna jekk il-Kummissjoni kinitx stabbiliet b'mod ċar l-objettivi tagħha għall-ġestjoni tad-dejn fl-istrateġija ta' ġestjoni tad-dejn, u jekk kinitx ħarġet rapporti regolari dwar l-implimentazzjoni tagħhom lill-awtorità baġitarja tal-UE.

#### L-objettivi għall-ġestjoni tad-dejn u r-rappurtar dwar l-implimentazzjoni tagħhom

**75** L-istrateġija ta' ġestjoni tad-dejn tal-Kummissjoni ma tiddeskrivix b'mod ċar l-objettivi tagħha għall-ġestjoni tad-dejn u kif se tilħaqhom, minkejja li din hija l-aħjar prattika rikonoxxuta internazzjonalment. L-istrateġija ta' finanzjament tal-NGEU tiffoka fuq il-metodi u l-istrumenti ta' finanzjament biex jiġġeneraw sa EUR 150-200 biljun fis-sena għal self u għotjiet taħt l-NGEU sa tmiem l-2026.

---

[26] Id-Dokument ta' Politika dwar il-Fond Monetarju Internazzjonali, Revised Guidelines for Public Debt Management, 2014.

[27] Il-Bank Dinji, Government Debt Management: Designing Debt Management Strategies, 2017.

[28] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea.

**76** Il-Kummissjoni tqis li hija tieħu inkunsiderazzjoni l-objettivi ewlenin rikonoxxuti b'mod wiesa' tal-ġestjoni tad-dejn meta timplimenta t-tranżazzjonijiet ta' teħid b'self taħt l-NGEU. Dawn l-objettivi jikkonċernaw it-teħid b'self f'waqtu tal-fondi meħtieġa u l-minimizzazzjoni tal-kostijiet tat-teħid b'self b'livell prudenti ta' riskju fuq terminu twil. Skont il-Kummissjoni, objettivi importanti addizzjonali għall-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU jinkludu ż-żamma ta' bażi wiesgħa ta' investituri, il-promozzjoni tal-użu ta' bonds ekoloġiċi, iż-żamma ta' klassifikazzjonijiet għoljin tal-kredituri, il-minimizzazzjoni tar-riskju tal-kontroparti, u l-eżistenza ta' proċessi adegwati fis-seħħ biex ikopru avvenimenti mhux mistennija bħal taqlib fis-suq.

**77** L-ebda wieħed minn dawn l-objettivi mhuwa stabbilit b'mod espliċitu fl-istrateġija ta' finanzjament tal-NGEU; madankollu, ir-referenzi għal xi wħud mill-prinċipji rilevanti tal-ġestjoni tad-dejn huma mxerrda fl-istrateġija kollha. Il-Kummissjoni lanqas ma ċċarat liema indikaturi tuża biex tirrapporta dwar l-ilħuq ta' objettivi speċifiċi relatati mal-prestazzjoni. Inqisu li referenzi mhux speċifiċi bħal dawn mhumiex suffiċjenti biex jagħmlu lill-Kummissjoni responsabbli għall-ilħuq ta' dawn l-objettivi.

**78** Il-Kummissjoni tħejji diversi rapporti li jinkludu ħarsa ġenerali u jkopru tipi differenti ta' programmi ta' self, obbligazzjonijiet u amministrazzjoni tat-teżorerija (ara l-***Anness IV***). Madankollu, dawn id-dokumenti ma fihomx informazzjoni komprensiva dwar l-ilħuq tal-objettivi għall-ġestjoni tad-dejn relatati mal-finanzjament tal-NGEU. Pereżempju, ir-rappurtar semiannwali dwar it-tranżazzjonijiet ta' teħid b'self taħt l-NGEU jiddokumenta l-kostijiet tat-teħid b'self u d-daqs u l-kompożizzjoni tal-bażi tal-investituri, iżda ma fihx informazzjoni suffiċjenti dwar il-prestazzjoni, b'mod partikolari f'termini ta':

- minimizzazzjoni tal-kostijiet tat-teħid b'self fuq it-terminu medju sa dak twil, flimkien maż-żamma tal-karatteristiċi tar-riskju prudenzjali fil-ġestjoni tad-dejn;
- prevenzjoni tal-konċentrazzjoni tat-tranżazzjonijiet ta' teħid b'self tal-UE fost grupp ristrett ta' negozjanti primarji jew investituri finali.

**79** Fir-rapport tiegħu ta' Ottubru 2021 dwar ir-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju, il-Parlament Ewropew talab li r-rekwiżiti ta' rappurtar relatati mal-istrateġija ta' ġestjoni tad-dejn tal-Kummissjoni jiġu riveduti. It-talba rreferiet għall-kumplessità u r-riskju akbar tat-teħid b'self kif ukoll għall-operazzjonijiet ta' għoti b'self għall-baġit tal-UE. Fis-16 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni pproponiet riformulazzjoni tar-Regolament Finanzjarju, li l-Artikolu 52(1)(d)(iii) tiegħu jinkludi rekwiżit li l-abbozz tal-baġit ikun fih "ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-operazzjonijiet ta' għoti u ta' teħid b'self". Il-proposta ma tipprevedix rekwiżit ċar għall-Kummissjoni biex tirrapporta dwar l-ilħuq

tal-objettivi għall-ġestjoni tad-dejn. Ikkummentajna wkoll dwar din il-kwistjoni fl-Opinjoni tagħna dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal emenda tal-Artikolu 52 tar-Regolament Finanzjarju[29].

**80** L-Artikolu 12 tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-arranġamenti għall-istrateġija ta' finanzjament diversifikata[30] fih rekwiżit li jsir rappurtar "darbtejn fis-sena dwar l-aspetti kollha tal-istrateġija tagħha ta' teħid b'self u ġestjoni tad-dejn". L-ambitu tal-istruttura tar-rappurtar f'dan l-artikolu ma jinkludix rekwiżit ċar biex l-awtorità baġitarja tal-UE tiġi infurmata dwar l-ilħuq tal-objettivi għall-ġestjoni tad-dejn.

**Rappurtar dwar bonds ekoloġiċi tal-NGEU**

**81** Skont l-istrateġija ta' finanzjament tal-NGEU, il-bonds ekoloġiċi maħruġa taħt l-NGEU se jkomplu jespandu l-bażi tal-investituri u jsaħħu t-tmexxija dinjija tal-UE fil-finanzi ekoloġiċi fis-suq iddenominat f'euro. Il-Kummissjoni għandha l-għan li tiffinanzja 30 % tal-NGEU permezz ta' bonds ekoloġiċi. Ir-rikavati minn dawn il-bonds se jipprovdu finanzjament għall-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għat-tranżizzjoni ekoloġika fil-qafas tal-istadji importanti u l-miri relatati mal-klima fil-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza.

**82** Skont il-Kummissjoni, il-qafas tal-bonds ekoloġiċi tal-NGEU[31] se jkun allinjat mal-istandard li jmiss tal-bonds ekoloġiċi tal-UE[32], kull fejn ikun possibbli. Ir-rekwiżit ewlieni ta' dan l-istandard huwa li l-bonds jiġu allokati bis-sħiħ għan-nefqa li hija allinjata mas-sistema ta' klassifikazzjoni tas-sostenibbiltà tal-UE – it-"Tassonomija tal-UE"[33].

**83** Il-Kummissjoni ddikjarat li hija tivverifika jekk ir-rikavati tal-bonds ekoloġiċi tal-NGEU humiex diretti lejn it-tranżizzjoni ekoloġika. Għal dan il-fini, l-Istati Membri qablu li jirrappurtaw dwar l-ammont reali tan-nefqa relatata mar-riformi u l-investimenti b'indikatur tal-klima pożittiv meta jagħmlu talbiet għall-pagamenti taħt l-RRF. L-affidabbiltà u l-preċiżjoni ta' dan ir-rappurtar jiddependu prinċipalment fuq l-

---

[29] L-Opinjoni 06/2022 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, pp. 11-12.

[30] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2022/2544.

[31] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar strateġija ta' finanzjament ġdida għall-finanzjament tan-NextGenerationEU, COM(2021) 250, p 9.

[32] Is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea: EU Green Bond Standard proposal.

[33] Is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea: EU taxonomy for sustainable activities.

awtoritajiet tal-Istati Membri u s-sistemi ta' kontroll tagħhom. Attwalment, id-dokumenti li fuqhom hija bbażata n-nefqa ffinanzjata mill-bonds ekoloġiċi tal-NGEU mhumiex suġġetti għal verifiki mill-Kummissjoni.

**84** Osservajna li f'ċerti każijiet (pereżempju, ir-rinnovazzjoni enerġetika tal-binjiet), ir-riformi u l-investimenti taħt l-RRF huma meħtieġa jissodisfaw xi wħud mill-kriterji tekniċi ta' skrinjar tat-Tassonomija tal-UE sabiex jiġu allokati indikatur tal-klima ta' 100 %. Madankollu, biex tikkalkula l-kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika, il-Kummissjoni qieset ukoll xi attivitajiet li ma jissodisfaw l-ebda kriterju tat-Tassonomija tal-UE[34]. Dan ifisser li xi wħud mir-rikavati mill-bonds ekoloġiċi tal-NGEU mhumiex se jintużaw la f'konformità mat-Tassonomija tal-UE u lanqas f'konformità mal-istandard li jmiss tal-bonds ekoloġiċi tal-UE.

**85** Fi tmiem Marzu 2022, il-Kummissjoni nediet id-dashboard tal-bonds ekoloġiċi tal-NGEU. Din id-dashboard tinkludi informazzjoni aġġornata dwar l-allokazzjoni tar-rikavati mill-bonds ekoloġiċi tal-NGEU fl-Istati Membri kollha, il-kategoriji ta' nfiq u l-oqsma ta' intervent tal-RRF. F'Diċembru 2022, il-Kummissjoni ppubblikat l-ewwel rapport annwali tagħha dwar l-allokazzjoni tal-bonds ekoloġiċi tal-NGEU. Dan ir-rapport fih dettalji dwar il-livell tal-allinjament mat-Tassonomija tal-UE għal dawk ir-riformi u l-investimenti taħt l-RRF li ġew inklużi fil-ġabra ta' nfiq eliġibbli għall-bonds ekoloġiċi tal-NGEU. L-ebda wieħed minn dawn l-arranġamenti ta' rappurtar ma jipprovdi informazzjoni dwar l-ammont reali ta' nfiq iffinanzjat permezz tal-bonds ekoloġiċi tal-NGEU li l-Kummissjoni tqis li huwa allinjat mat-Tassonomija tal-UE.

## L-analiżijiet tal-Kummissjoni li fuqhom huma bbażati d-deċiżjonijiet dwar l-ipprezzar u l-maturità tal-bonds ma ġewx iddokumentati b'mod konsistenti

**86** Il-ġestjoni tad-dejn tirrikjedi evalwazzjoni tal-kompromess bejn il-kost u r-riskju, peress li kost aktar baxx tipikament huwa assoċjat ma' riskju ogħla. Għalhekk, l-għażliet ta' kompromess għandhom impatt dirett fuq il-prestazzjoni f'termini ta' kostijiet tat-teħid b'self. Eżaminajna jekk id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-ipprezzar ta' bonds sindakati kinux appoġġati minn dokumentazzjoni soda tal-kompromessi assoċjati mal-kostijiet u r-riskji. Dawn jikkonċernaw b'mod partikolari l-likwidità, is-suq, il-finanzjament, il-kreditu, ir-riskji tal-kontropartijiet u dawk operazzjonali assoċjati mal-ġestjoni tad-dejn (ara l-***Anness II***). Din id-dokumentazzjoni tipprovdi obbligu ta'

---

[34] Ir-Rapport Speċjali 22/2021: "Finanzi sostenibbli: Jeħtieġ li l-UE tieħu azzjoni aktar konsistenti biex il-finanzjament jiġi dirett mill-ġdid lejn investiment sostenibbli", il-paragrafi 80 u 90.

rendikont u tippermetti li jiġi segwit ir-raġunament tad-deċiżjonijiet dwar l-ipprezzar li għandhom konsegwenzi fuq terminu twil.

**87** Is-swieq finanzjarji, inklużi s-suq sekondarju tal-bonds tal-UE u l-attivitajiet tal-emittenti pari u dawk sovrani tad-dejn, huma suġġetti għal monitoraġġ u dokumentazzjoni ta' kull ġimgħa mid-DĠ BUDG. Għal informazzjoni dwar l-ipprezzar tal-bonds u l-aħjar opportunitajiet ta' teħid b'self disponibbli f'termini ta' żmien, volum u maturità, il-Kummissjoni użat il-feedback u r-rakkomandazzjonijiet ipprovduti mill-membri tal-PDN. Skont il-Kummissjoni, din l-informazzjoni ġiet ikkomplementata wkoll mir-riċerka tas-suq li għamlet il-Kummissjoni stess.

**88** Matul konferenzi telefoniċi relatati mal-ipprezzar, il-Kummissjoni taqbel verbalment mal-PDs dwar il-prezz tal-bonds maħruġa minn sindakazzjonijiet. Dawn il-prezzijiet huma suġġetti għal deċiżjoni ta' ġudizzju li tirriżulta mill-analiżi tas-sitwazzjoni fis-suq kapitali, il-kompromessi aċċettabbli u n-negozjati bejn il-Kummissjoni u l-PDs tagħha. Għat-tranżazzjonijiet sindakati inklużi fil-kampjun tagħna (ara l-paragrafu ***58***), sibna li l-Kummissjoni ma kinitx iddokumentat b'mod konsistenti r-riċerka tas-suq dettaljata tagħha stess u l-analiżijiet tal-ipprezzar li jispjegaw ir-raġunament wara d-deċiżjonijiet tagħha dwar l-ipprezzar, u lanqas l-analiżijiet tal-kompromessi bejn il-maturitajiet u l-kostijiet differenti tal-bonds matul l-ippjanar tal-ħruġ futur ta' bonds.

# Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

**89** B'mod ġenerali, nikkonkludu li l-Kummissjoni malajr stabbiliet sistema ta' ġestjoni tad-dejn, li pprovdiet il-fondi meħtieġa għan-NextGenerationEU (NGEU) fi żmien xieraq. F'dan il-kuntest, inqisu li fl-ewwel sena tal-operat, il-kostijiet tat-teħid b'self kienu jirriflettu l-pożizzjoni tas-suq tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ssodisfat ukoll ir-rekwiżiti regolatorji ewlenin kollha rigward il-portafoll tad-dejn u l-ġestjoni tar-riskju. Madankollu, sibna li l-kapaċitajiet ta' ġestjoni tad-dejn tal-NGEU, li nbnew rapidament, ma jikkonformawx mal-aħjar prattika stabbilita fl-aspetti kollha. Nikkonkludu wkoll li l-Kummissjoni ma tatx biżżejjed attenzjoni għall-istabbiliment ta' objettivi ċari għall-ġestjoni tad-dejn, u l-kejl u r-rappurtar dwar il-prestazzjoni fil-ġestjoni tad-dejn.

**90** Fi żmien ftit xhur, il-Kummissjoni stabbiliet arranġamenti organizzazzjonali ġodda u waqqfet network adegwat ta' fornituri esterni tas-servizzi biex jibdew l-attivitajiet ta' teħid b'self tal-NGEU. Peress li kien meħtieġ li tinbena malajr il-kapaċità, bi ftit membri tal-persunal disponibbli, ma ġiet stabbilita l-ebda funzjoni diskreta ta' middle office. Ir-rwol tal-middle office normalment jinkludi l-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-front office bi tqabbil ma' miri u parametri referenzjarji strateġiċi. Attwalment, xi wħud mill-funzjonijiet tal-middle office, inkluż l-iżvilupp ta' strateġija ta' ġestjoni tad-dejn, jitwettqu mill-front office nnifsu. Konsegwentement, il-prestazzjoni tal-maniġers tad-dejn tal-front office ma tiġix immonitorjata kontinwament. Filwaqt li l-Uffiċjal Kap tar-Riskji (CRO) jista' jikkontesta u jimmonitorja l-prestazzjoni tal-front office, it-tim tas-CRO għandu kapaċità limitata għal dan ix-xogħol. Ara l-paragrafi ***22***-***26***, ***31***-***32*** u ***37***-***44***.

## Rakkomandazzjoni 1 – Tiġi stabbilita funzjoni separata ta' middle office

Filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-iskala, il-kumplessità u l-prominenza akbar tal-attivitajiet ta' ġestjoni tad-dejn, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi funzjoni diskreta ta' middle office bl-għan li ttejjeb il-kapaċitajiet analitiċi, kif ukoll dawk ta' evalwazzjoni tar-riskju u ta' rappurtar tagħha. Jenħtieġ li hija tkun responsabbli, pereżempju, għall-monitoraġġ u r-rappurtar dwar il-kompromessi tal-ġestjoni tad-dejn, u għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-maniġers tad-dejn tal-front office bi tqabbil mal-objettivi strateġiċi.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: nofs l-2024**

**91** Il-Kummissjoni stabbiliet qafas ta' ġestjoni tar-riskju għall-attivitajiet ta' ġestjoni tad-dejn tal-NGEU. Dan jinkludi r-rwol maħluq reċentement tas-CRO. Inqisu li t-tim tas-CRO wettaq ħidma importanti ta' valutazzjoni tar-riskju fil-perjodu li ġie eżaminat. Madankollu, il-pożizzjonament tas-CRO bħala Deputat Direttur Ġenerali tad-DĠ BUDG għandu dgħufijiet. Dan jista' jirrikjedi li s-CRO jittratta kompiti relatati mar-riskju kif ukoll attivitajiet ta' ġestjoni operazzjonali fi ħdan id-DĠ BUDG, li jistgħu jaffettwaw l-effettività tas-sorveljanza tar-riskju tagħhom. Ma hemm l-ebda deskrizzjoni ċara tar-responsabbiltajiet tad-Deputat Direttur Ġenerali. Kumplessivament, din is-sitwazzjoni ġġib magħha r-riskju li s-CRO jaf ma jkunx jista' jinforza kif xieraq l-obbligi tiegħu fir-rigward tal-valutazzjoni u r-rappurtar dwar ir-riskji. Ara l-paragrafi *27*-*32*.

**92** F'Diċembru 2022, il-Kummissjoni estendiet il-mandat tas-CRO biex ikopri l-programmi ta' self kollha implimentati skont l-istrateġija ta' finanzjament diversifikata u skont il-finanzjament back-to-back. Għalhekk, l-informazzjoni dwar l-iskopertura għar-riskju assoċjata mad-dejn tal-UE pprovduta lill-korpi deċiżjonali se tkun aktar komprensiva. Ara l-paragrafu *33*.

## Rakkomandazzjoni 2 – Jissaħħaħ ir-rwol tas-CRO

Biex jiġi żgurat li s-CRO jissodisfa l-mandat tiegħu b'mod indipendenti, effettiv u effiċjenti, jenħtieġ li l-Kummissjoni:

(a) tħejji karta li tispjega liema kompiti ta' ġestjoni operazzjonali jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tas-CRO fil-kapaċità tiegħu bħala Deputat Direttur Ġenerali;

(b) issaħħaħ il-kapaċità tat-tim tas-CRO sabiex tkun proporzjonata mal-kompiti assenjati lilu, b'mod partikolari billi tistabbilixxi persunal supplimentari.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2023**

**93** Minkejja ċirkustanzi diffiċli, il-Kummissjoni stabbiliet tim ewlieni bil-ħiliet u l-esperjenza meħtieġa. Il-Kummissjoni tiddependi ħafna fuq il-persunal temporanju biex timmaniġġja l-operazzjonijiet tagħha tad-dejn. Dan jista' jqiegħed il-kontinwità tal-operat f'riskju; fit-terminu twil, jista' jipperikola l-kwalità u l-effiċjenza tal-attivitajiet ta' ġestjoni tad-dejn. Ara l-paragrafi *34*-*36*.

## Rakkomandazzjoni 3 – Tiġi implimentata strateġija tal-forza tax-xogħol għall-persunal li jittratta l-ġestjoni tad-dejn

Minħabba l-kumplessità u l-importanza tal-kompiti tal-ġestjoni tad-dejn, u l-ħtieġa li jiġi attirat u jinżamm persunal adatt, jenħtieġ li l-Kummissjoni timplimenta strateġija xierqa tal-forza tax-xogħol għall-persunal li jittratta l-ġestjoni tad-dejn.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2023**

**94** Il-Kummissjoni strutturat il-komunikazzjonijiet tagħha lis-swieq u lill-partijiet ikkonċernati b'tali mod li jipprovdu livell tajjeb ta' prevedibbiltà rigward il-programm ta' finanzjament tal-NGEU u fiduċja fid-dejn tal-UE fost il-parteċipanti fis-suq. Sibna li l-Kummissjoni kienet adattat il-pjanijiet ta' finanzjament u t-tranżazzjonijiet ta' teħid b'self tagħha għall-bidliet fil-ħtiġijiet ta' teħid b'self reali tal-NGEU. Ara l-paragrafi *46*-*54*.

**95** Matul il-perjodu kopert mill-awditu li wettaqna, il-portafoll tad-dejn tal-NGEU kien jissodisfa r-rekwiżiti regolatorji rigward il-limiti massimi tat-teħid b'self, il-munita tat-tranżazzjonijiet ta' teħid b'self, u l-maturità medja massima. L-evoluzzjoni tar-rendimenti tas-suq tal-bonds tal-NGEU kienet komparabbli mar-rendimenti tal-bonds tal-Istati Membri bi klassifikazzjonijiet tal-kreditu simili. Il-Kummissjoni kienet ukoll effiċjenti fil-ġestjoni tal-likwidità tal-kont bankarju tal-NGEU fil-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE). Matul il-perjodu awditjat, il-bilanċi medji tal-flus naqsu fuq il-kont bankarju tal-NGEU fil-BĊE u l-limiti tal-likwidità baqgħu l-istess. Ara l-paragrafi *55*-*72*.

**96** Il-Kummissjoni hija legalment mitluba tinforma lill-awtorità baġitarja tal-UE, b'mod regolari u komprensiv, dwar l-aspetti kollha tal-istrateġija tagħha ta' ġestjoni tad-dejn. Madankollu, sibna li l-istrateġija ta' finanzjament tal-NGEU ma tistabbilix b'mod ċar l-objettivi tagħha għall-ġestjoni tad-dejn jew l-indikaturi assoċjati. La l-leġiżlazzjoni rilevanti u lanqas l-istrateġija ma jipprovdu rekwiżit ċar għall-Kummissjoni biex tirrapporta dwar il-prestazzjoni tal-attivitajiet tagħha ta' ġestjoni tad-dejn. Barra minn hekk, il-Kummissjoni lanqas ma tirrapporta dwar il-proporzjon tar-rikavati mill-bonds ekoloġiċi tal-NGEU li fil-fatt jintefqu f'konformità mas-sistema ta' klassifikazzjoni tas-sostenibbiltà tal-UE, jiġifieri t-Tassonomija tal-UE. B'dan l-approċċ, il-Kummissjoni hija prinċipalment responsabbli biex tipprovdi ammont suffiċjenti ta' fondi fil-ħin għall-finanzjament tal-NGEU. L-obbligu ta' rendikont għall-objettivi l-oħra tal-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU għadu mhuwiex ċar. Ara l-paragrafi *75*-*85*.

## Rakkomandazzjoni 4 – Jiġu fformulati objettivi ċari għall-ġestjoni tad-dejn u jsir rappurtar dwar il-prestazzjoni fl-implimentazzjoni tagħhom

Biex ittejjeb l-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza tal-prestazzjoni tal-ġestjoni tad-dejn tal-Kummissjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni:

(a) tadotta strateġija ta' ġestjoni tad-dejn li tkun tinkludi l-istrumenti kollha ta' teħid b'self, inkluża dikjarazzjoni ċara tal-objettivi għall-ġestjoni tad-dejn bl-indikaturi rilevanti, u tirrapporta regolarment dwar l-ilħuq tagħhom;

(b) tippubblika informazzjoni regolari dwar il-proporzjon tar-rikavati mill-bonds ekoloġiċi tal-NGEU li fil-fatt jintefqu f'konformità mat-Tassonomija tal-UE.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2023**

**97** Matul konferenzi telefoniċi relatati mal-pprezzar, il-Kummissjoni taqbel verbalment man-negozjanti primarji dwar il-prezz tal-bonds maħruġa minn sindakazzjonijiet. Dawn il-prezzijiet huma r-riżultat ta' deċiżjonijiet ta' ġudizzju bbażati fuq analiżi tas-sitwazzjoni fis-swieq kapitali, tal-kompromessi aċċettabbli u tan-negozjati bejn il-Kummissjoni u n-negozjanti primarji tagħha. Il-Kummissjoni ma tiddokumentax b'mod konsistenti l-analiżijiet tagħha li fuqhom huma bbażati d-deċiżjonijiet individwali dwar l-ipprezzar u l-maturità tal-bonds sindakati. Ara l-paragrafi *86*-*88*.

## Rakkomandazzjoni 5 – Jiġu ddokumenti d-deċiżjonijiet dwar l-ipprezzar b'mod konsistenti

Biex ittejjeb l-obbilgu ta' rendikont u r-rendikont tal-entrati għad-deċiżjonijiet tagħha dwar l-ipprezzar għal sindakazzjonijiet ta' bonds tal-UE, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddokumenta b'mod ċar, għall-użu intern, l-analiżijiet u l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet li wasslu għad-determinazzjoni finali tal-prezzijiet.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: Settembru 2023**

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti tal-Awdituri fil-Lussemburgu, fil-laqgħa tagħha tal-11 ta’ Mejju 2023.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Tony Murphy
*Il-President*

# Annessi

## Anness I – Rwoli u responsabbiltajiet ewlenin rigward il-ġestjoni tad-dejn fi ħdan il-Kummissjoni

| | |
|---|---|
| **Front office**<br>**(li jikkombina xi wħud mill-funzjonijiet tal-middle office)** | **Unità BUDG E.3 — Operazzjonijiet ta' teħid u ta' għoti b'self**<br>→ torganizza l-ħruġ tad-dejn u l-għoti b'self tar-rikavati għall-programmi ta' assistenza finanzjarja tal-UE;<br>→ tiżviluppa u timplimenta strateġija ta' ġestjoni tad-dejn, inkluż il-ħruġ tal-operazzjonijiet, l-amministrazzjoni tas-self u r-rieżaminar tal-iskedi tal-ħlas lura;<br>→ timmaniġġja l-komunikazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, eż. l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, il-banek tal-investiment, l-istituzzjonijiet pari u l-uffiċċji nazzjonali tal-ġestjoni tad-dejn.<br>**Kapaċità tal-persunal: 15-il FTE** |
| **Back office** | **Unità BUDG E.2 — Back Office tal-Kontabbiltà u r-Rapportar**<br>→ tipprovdi l-kontabbiltà għal self u teħid b'self u għad-diversi portafolli ta' assi;<br>→ twettaq il-kompiti relatati mas-saldu, l-ipproċessar tal-pagamenti, ir-rikonċiljazzjoni tat-tranżazzjonijiet u r-rappurtar finanzjarju.<br>**Kapaċità tal-persunal: 8.7 FTE** |
| **Servizz legali** | **Unità BUDG E.4 — Koordinazzjoni Politika u Legali**<br>→ tipprovdi l-appoġġ legali għall-front office, għall-back office u għat-tim tas-CRO.<br>**Kapaċità tal-persunal: 4.1 FTE** |
| **CRO u t-tim** | **It-tim tas-CRO**<br>→ iħejji l-HLRCP, filwaqt li jindirizza r-riskji prinċipali għall-interess finanzjarju tal-UE li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-NGEU, u jissorvelja l-implimentazzjoni tagħha;<br>→ jistabbilixxi u jżomm standards għall-identifikazzjoni, il-valutazzjoni u l-kwantifikazzjoni tar-riskji, u jiżviluppa linji gwida, politiki u proċeduri interni tar-riskju;<br>→ jirrapporta regolarment dwar ir-riskji materjali u dwar il-konformità mar-regoli u l-proċeduri (lill-Membru tal-Kulleġġ responsabbli għall-Baġit, lill-Kumitat tar-Riskju u l-Konformità, lid-Direttur Ġenerali tad-DĠ BUDG, u lill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà;<br>→ jipprovdi informazzjoni regolari dwar ir-riskji u l-limiti għall-persuni li huma responsabbli għall-eżekuzzjoni operazzjonali tal-istrateġija ta' finanzjament diversifikata;<br>→ jirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-HLRCP lill-Kummissjoni darba fis-sena.<br>**Kapaċità tal-persunal: 2.5 FTE** |

*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

## Anness II – Tipi ta' riskju fil-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU

| Riskju | Deskrizzjoni |
|---|---|
| **Riskju ta' likwidità** | Ir-riskju li l-Kummissjoni ma tkunx tista' timmobilizza l-finanzjament meta jkun meħtieġ u b'termini finanzjarji vantaġġużi. |
| **Riskju għas-sostenibbiltà baġitarja** | Ir-riskju li l-ammont totali ta' mgħax u ta' pagamenti prinċipali f'sena speċifika jkun jaqbeż l-approprjazzjonijiet disponibbli fil-linja baġitarja tal-Istrument Ewropew għall-Irkupru (EURI) tat-taqsima tal-Kummissjoni tal-baġit annwali adottat. Huwa wkoll ir-riskju li l-obbligazzjonijiet tal-operazzjonijiet tal-NGEU, inklużi l-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn self lill-Istati Membri, ikunu jaqbżu l-kapaċità finanzjarja tal-UE. |
| **Riskju tas-suq** | Ir-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax li japplika għal attivitajiet ta' finanzjament futuri biex jiġi ġġenerat dejn ġdid jew biex jiġi riportat dejn li jkun wasal biex jimmatura taħt l-istrateġija ta' finanzjament diversifikata. |
| **Riskju ta' kreditu** | Ir-riskju ta' telf li jirriżulta minn skoperturi ma' kontropartijiet u emittenti/mutwatarji li jiffaċċaw problemi biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom. Huwa magħmul minn: |
| (a) Riskju ta' self | Il-potenzjal għal nuqqas ta' likwidità li jirriżulta minn Stat Membru li jirċievi self taħt l-RRF u li jonqos milli jissodisfa l-obbligi finanzjarji inizjali tiegħu lejn l-UE. |
| (b) Riskju tal-kontroparti | Ir-riskju li parti waħda jew aktar fi tranżazzjoni finanzjarja jsiru inadempjenti jew jonqsu milli jissodisfaw l-obbligi tagħhom. |
| (c) Riskju ta' saldu | Forma partikolari ta' riskju tal-kontroparti. Il-potenzjal għal telf li jirriżulta min-nuqqas ta' saldu, min-naħa ta' kontroparti waħda jew aktar, ta' skambju għal tranżazzjoni ta' valur. |
| (d) Riskju ta' konċentrazzjoni | Ir-riskju ta' akkumulazzjoni ta' skopertura ta' finanzjament fuq kategoriji limitati ta' investituri jew kontropartijiet. |
| **Riskju operazzjonali** | Ir-riskju ta' telf dirett jew indirett, li jirriżulta minn proċessi interni, persuni u sistemi inadegwati jew li ma rnexxewx, jew minn avvenimenti esterni. |
| **Riskju reputazzjonali** | Ir-riskju ta' telf jew ta' dannu li jirriżulta minn deterjorament tar-reputazzjoni jew tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea. |
| **Riskju ta' implimentazzjoni tal-programm tal-bonds ekoloġiċi** | Ir-riskju li jirriżulta min-nuqqas potenzjali tal-UE li tiżgura l-allinjament tal-użu tar-rikavati mal-Qafas tal-Bonds Ekoloġiċi tal-UE u li tirrapporta lill-investituri dwar l-impatt miksub. |

*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq l-HLRCP.

## Anness III – Tranżazzjonijiet ta' teħid b'self taħt l-NGEU li ntgħażlu għall-analiżi

| Numru | Data | Tip | Terminu | Rendiment | Valur |
|---|---|---|---|---|---|
| EU000A3KT6B1 | 13/7/2021 | Sindakazzjoni tal-bonds | 20 sena | 0.47 % | EUR 10 biljun |
| EU000A3K4C42 | 12/10/2021 | Sindakazzjoni tal-bonds ekoloġiċi | 15-il sena | 0.45 % | EUR 12-il biljun |
| EU000A3KWCF4 | 25/10/2021 | Rkant tal-bonds (tap) | 7 snin | -0.12 % | EUR 2.5 biljun |
| EU000A3K4C42 | 24/1/2022 | Rkant ta' bonds ekoloġiċi | 15-il sena | 0.37 % | EUR 2.5 biljun |
| EU000A3K4C18 | 22/9/2021 | Rkant ta' kambjali | 6 xhur | -0.74 % | EUR 2 biljun |
| EU000A3K4C26 | 6/10/2021 | Rkant ta' kambjali | 3 xhur | -0.79 % | EUR 3 biljun |
| Mhux ippubblikat | 30/7/2021 | Linja ta' kreditu | 75 jum | -0.48 % | EUR 9 biljun |
| EU000A3K4DD8 | 22/3/2022 | Sindakazzjoni tal-bonds | 10 snin | 1.02 % | EUR 10 biljun |
| EU000A3KWCF4 | 28/3/2022 | Rkant ta' bonds | 7 snin | 0.80 % | EUR 2.5 biljun |
| EU000A3K4C75 | 16/3/2022 | Rkant ta' kambjali | 3 xhur | -0.67 % | EUR 2 biljun |
| **Total** | | | | | **EUR 55.5 biljun** |

*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

## Anness IV – Rapporti tal-Kummissjoni dwar l-obbligazzjonijiet tal-UE li rriżultaw mit-tranżazzjonijiet ta' teħid b'self sat-30 ta' Ġunju 2022

| Nru | Titolu tar-rapport jew tad-dokument (link tas-sit web għall-aktar wieħed reċenti) | Rekwiżit legali |
|---|---|---|
| 1. | Rapporti semiannwali dwar l-eżekuzzjoni tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tan-NextGenerationEU | L-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2021) 2502<br>L-Artikolu 5(3) tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053 |
| 2. | NextGenerationEU Quarterly Update – Nota dwar it-talbiet pendenti skont ftehimiet ta' self u obbligazzjonijiet taħt teħid b'self<br>(Mhux ippubblikata, mibgħuta bil-posta elettronika għal kull trimestru mid-DĠ BUDG lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill) | L-aġġornament trimestrali jikkomplementa r-rappurtar skont l-obbligi stabbiliti fit-testi legali rilevanti differenti (eż. id-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053, ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 (ir-Regolament Finanzjarju), id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2021) 2502). |
| 3. | Rapport dwar it-trasparenza baġitarja | F'konformità mal-punti 16 u 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali |
| 4. | Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar strumenti finanzjarji, garanziji baġitarji, assistenza finanzjarja u obbligazzjonijiet kontinġenti | L-Artikolu 250 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 (ir-Regolament Finanzjarju) |
| 5. | Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-previżjoni fit-tul tal-influssi u l-flussi ta' ħruġ tal-baġit tal-UE (2021-2027) | L-Artikolu 247(1)(c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 (ir-Regolament Finanzjarju) |
| 6. | Rapporti finanzjarji separati fi tmiem is-sena għal NGEU, SURE, EFSM u AMF | L-Artikolu 80 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 (ir-Regolament Finanzjarju) |
| 7. | Pjan ta' finanzjament tan-NextGenerationEU | L-Artikolu 5(3) tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053 u l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2021) 2502 |
| 8. | L-abbozz ta' baġit u d-dokumenti ta' ħidma I, V, u XI | L-Artikolu 41 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 (ir-Regolament Finanzjarju) u l-punti 41, 44, 46, 47, u 48 tal-Anness I tal-Ftehim Interistituzzjonali |
| 9. | Il-kontijiet annwali konsolidati tal-UE | L-Artikoli 246 u 247(1)a tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 (ir-Regolament Finanzjarju) |

*Sors:* il-QEA.

# Abbrevjazzjonijiet

**AMF:** Assistenza Makrofinanzjarja

**BĊE:** Bank Ċentrali Ewropew

**CRO:** Uffiċjal Kap tar-Riskji

**DĠ BUDG:** Direttorat Ġenerali għall-Baġit

**EFSM:** Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja

**FMI:** Fond Monetarju Internazzjonali

**FTE:** Ekwivalenti għall-full time

**HLRCP:** Politika ta' Livell Għoli dwar ir-Riskju u l-Konformità

**INTOSAI:** Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar

**NGEU:** NextGenerationEU

**PD:** Negozjant primarju

**PDN:** Network tan-negozjanti primarji

**RRF:** Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

**SURE:** Appoġġ biex Jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza

**UNCTAD:** Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp

# Glossarju

**Bond ekoloġiku:** Strument ta’ dejn għall-finanzjament jew għall-finanzjament mill-ġdid ta’ investimenti, proġetti, nefqa jew assi li jindirizzaw kwistjonijiet klimatiċi u ambjentali.

**Bond:** Titolu ta’ dejn b’terminu medju sa twil b’rata tal-imgħax annwali fissa.

**Ġestjoni tad-dejn:** Azzjoni li tittieħed biex jinħareġ id-dejn jew biex jiġu ottimizzati l-ammont u t-twaqqit tal-ħlasijiet lura tad-dejn pendenti u biex jiġi mmitigat ir-riskju ta’ inadempjenza.

**Kambjali:** Titolu ta’ dejn b’terminu qasir li jinbiegħ bi skont meta mqabbel mal-valur li fih se jiġi mifdi, minflok ma titħallas rata tal-imgħax annwali fissa.

**Klassifikazzjoni tal-kreditu:** Valutazzjoni oġġettiva tal-affidabbiltà kreditizja ta’ mutwatarju, jew b’mod ġenerali jew inkella fir-rigward ta’ dejn jew obbligu finanzjarju partikolari.

**Maturità:** Id-data li fiha bond jew kambjali jitħallsu lura.

**Negozjant primarju:** Istituzzjoni finanzjarja approvata mill-Kummissjoni biex tikkummerċjalizza u tinnegozja strumenti ta’ dejn tal-UE permezz ta’ proċess magħruf bħala sindakazzjoni.

**Obbligazzjoni kontinġenti:** Obbligazzjoni ta’ pagament potenzjali li tista’ tiġġarrab skont xi jkun l-eżitu ta’ avveniment fil-futur.

**Riżorsi proprji:** Il-fondi li jintużaw għall-finanzjament tal-baġit tal-UE, u li l-maġġoranza l-kbira tagħhom jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri.

**Rkant:** Proċess kompetittiv li fih il-bonds u l-kambjali tal-UE jinbiegħu lill-ogħla offerenti fost in-negozjanti primarji approvati mill-Kummissjoni.

**Suq kapitali:** Suq li fih jiġu nnegozjati l-assi finanzjarji.

**Suq sekondarju:** Suq li fih l-investituri jinnegozjaw assi finanzjarji direttament ma’ xulxin pjuttost milli mal-emittent.

**Terminu:** Iż-żmien li jkun jifdal sal-maturità ta’ bond jew ta’ kambjali.

# Risposti tal-Kummissjoni

https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2023-16

# Kronoloġija

https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2023-16

# Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi li twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma baġitarji speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla V tal-Awditjar, Finanzjament u amministrazzjoni tal-Unjoni, li hija mmexxija minn Jan Gregor, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn Jorg Kristijan Petrovič, Membru tal-QEA, li ngħata appoġġ minn Martin Puc, Kap tal-Kabinett u Mirko Iaconisi, Attaché tal-Kabinett; Colm Friel, Maniġer Prinċipali; Tomasz Plebanowicz, Kap tal-Kompitu; Daria Bochnar u David Macken, Awdituri. Jesús Nieto Muñoz u Alexandra Mazilu pprovdew appoġġ grafiku. Richard Moore pprovda appoġġ lingwistiku.



*Mix-xellug għal-lemin:* Jesús Nieto Muñoz, Mirko Iaconisi, Daria Bochnar, Jorg Kristijan Petrovič, Martin Puc, Tomasz Plebanowicz, Colm Friel, David Macken.

# DRITT TAL-AWTUR

© L-Unjoni Ewropea, 2023

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-Deċiżjoni Nru 6-2019 tal-QEA dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat dment li jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb tali permess, dan għandu jikkanċella u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Biex tuża jew tirriproduċi kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jista' jkun meħtieġ li titlob il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Figura 5 – Ikoni: Il-figura tfasslet bl-użu ta' riżorsi minn Flaticon.com. © Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha huma riżervati.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinji rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti web istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju europa.eu, tipprovdi links għas-siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuq dawn, inti mħeġġeġ tirrevedi l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

**Użu tal-logo tal-QEA**

Ma jistax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.



| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| HTML | ISBN 978-92-849-0391-7 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/380428 | QJ-AB-23-015-MT-Q |
| PDF | ISBN 978-92-849-0368-9 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/285022 | QJ-AB-23-015-MT-N |

Il-programm NextGenerationEU jipprovdi għotjiet u self lill-Istati Membri biex jappoġġaw l-irkupru ekonomiku tagħhom wara l-pandemija tal-COVID-19. Il-Kummissjoni se tiffinanzja l-programm billi toħroġ sa EUR 807 biljun f'bonds tal-UE fis-swieq kapitali. Analizzajna jekk il-Kummissjoni kinitx żviluppat sistemi effettivi għall-ġestjoni tad-dejn iġġenerat għall-finanzjament tan-NextGenerationEU. Sibna li l-Kummissjoni kienet stabbiliet l-istrateġija ta' finanzjament u l-arranġamenti organizzazzjonali malajr, u dan kien ippermetta li l-fondi meħtieġa jsiru disponibbli b'mod f'waqtu. Madankollu, jeħtieġ li l-kapaċitajiet ta' ġestjoni tad-dejn mibnija rapidament jiġu aġġustati biex ikunu konformi mal-aħjar prattika stabbilita. Il-Kummissjoni ma kkonċentratx biżżejjed fuq l-istabbiliment ta' objettivi strateġiċi, u fuq il-kejl u r-rappurtar dwar il-prestazzjoni fil-ġestjoni tad-dejn. Aħna nagħmlu diversi rakkomandazzjonijiet biex nindirizzaw dawn il-problemi.

Rapport speċjali tal-QEA skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE.

QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors